# PJAN TA' POLITIKA GĦALL-QASAM EDUKATTIV F'MALTA U F'GĦAWDEX

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# PJAN TA' POLITIKA GĦALL-QASAM EDUKATTIV F'MALTA U F'GĦAWDEX

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# Werrej


| Taqsima | | Paġna |
|---|---|---|
| 1.0 | Introduzzjoni | 5 |
| 2.0 | Prinċipji għal politika moderna u aġġornata għall-qasam edukattiv | 10 |
| 3.0 | It-Tmexxija fil-Qasam Edukattiv | 12 |
| 4.0 | It-Taħriġ u l-Iżvilupp Professjonali tal-Personell fl-Iskejjel | 14 |
| 5.0 | Is-Servizzi tal-*Guidance u Counselling* | 17 |
| 6.0 | It-Tmexxija ta' l-Iskejjel | 18 |
| 7.0 | L-Iskejjel tal-Gvern, tal-Knisja u dawk Privati | 20 |
| 8.0 | L-Ambjent Fiżiku, id-Dixxiplina u s-Saħħa u s-Sigurtà fl-Iskejjel | 21 |
| 9.0 | Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali | 23 |
| 10.0 | L-Assessjar | 26 |
| 11.0 | Il-Kindergarten u s-Settur Primarju | 28 |
| 12.0 | Is-Settur Sekondarju | 31 |
| 13.0 | L-Edukazzjoni Teknika u Vokazzjonali | 33 |
| 14.0 | Is-Settur Post-Sekondarju | 36 |
| 15.0 | L-Edukazzjoni Terzjarja | 39 |
| 16.0 | L-Edukazzjoni Xjentifika | 42 |
| 17.0 | L-Edukazzjoni Ambjentali | 44 |
| 18.0 | L-Edukazzjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni | 46 |
| 19.0 | L-Edukazzjoni u l-Industrija | 48 |
| 20.0 | L-Edukazzjoni fil-Komunità | 49 |
| 21.0 | L-Edukazzjoni għall-Adulti | 51 |
| 22.0 | Sehem il-Ġenituri u l-Istudenti | 53 |
| 23.0 | L-Unjoni Ewropea | 54 |
| 24.0 | Edukazzjoni għal Tul il-Ħajja | 55 |
| 25.0 | Konklużjoni | 56 |

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Sa mill-bidunett ta' l-eżistenza tiegħu l-Partit Laburista dejjem ta l-aqwa u l-akbar importanza lill-qasam edukattiv. Min illum qiegħed jiftaħar b`125 sena ta' storja dejjem ikkopja lill-Partit Laburista fuq dan il-punt. Ma kienx jimpurtah minn edukazzjoni għal kulħadd, imma kien moħħu biss biex jidħol fi ġlieda bla sens biex jibqa` jiġi studjat u mgħallem it-Taljan. Aktar minn hekk, kellhom wieħed mill-mexxejja tagħhom li kien qal li jekk it-tfal tal-ħaddiema jitgħallmu l-iskola jispiċċaw imorru l-infern.

1.2 Illum dawn l-affarijiet konvenjentement jitnessew bħalma jitnessa l-fatt li kien il-Partit Laburista fil-Gvern:

– li ġab l-edukazzjoni b`xejn għal kulħadd
– li bena l-iskejjel
– li introduċa t-tagħlim tas-snajja`
– li estenda t-tagħlim sa sittax-il sena
– li beda t-taħriġ għall-għalliema
– li ntroduċa l-istipendji
– li għamel l-Edukazzjoni Ogħla u Terzjarja aċċessibbli għal kulħadd, indipendentement minn kemm kienu jifilħu finanzjarjament il-ġenituri tiegħu jew tagħha.

1.3 Il-Partit Laburista llum irid ikompli jibni fuq dan il-wirt kbir biex jassigura li l-edukazzjoni f'pajjiżna, l-aktar fejn tidħol l-edukazzjoni pprovduta mill-istat, tkun edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd. Aħna fiduċjużi li kif irnexxielna fl-imgħoddi bil-ħidma tal-Partit kull meta kien fil-Gvern, hekk jirnexxielna fil-futur ukoll.

1.4 Issa li Malta hija msieħba fl-Unjoni Ewropea ma nistgħux nikkuntentaw rwieħna bi kliem fieragħ u vojt dwar kemm din is-sħubija se tagħtina opportunitajiet ġodda meta l-edukazzjoni li qed nagħtu u r-riżultati li qed niksbu huma fost l-agħar li hemm fl-UE, kif ukoll ta' pajjiżi oħra li applikaw biex isiru membri. Ma nistgħux nibqgħu l-aħħar fil-lista tal-pajjiżi fejn jidħol it-twettiq ta' l-Aġenda ta' Lisbona.

1.5 Jekk inħarsu lejn il-miri edukattivi ta' l-Aġenda ta' Lisbona u naraw pajjiżna fejn jinsab,

malajr nindunaw li għad fadal bosta xi jsir. Fejn jidħlu l-*early school leavers* pajjiżna jinsab fl-ewwel post b'44.5% meta l-medja tal-ħamsa u għoxrin pajjiż membru hija ta' 14.9%. Statistika ta' studenti li fl-età ta' tmintax-il sena għadhom jistudjaw għal Malta hija ta' 42.8% meta l-medja tal-pajjiżi membri hija ta' 76.3%. Meta nħarsu lejn kemm pajjiżna qed jonfoq fl-iżvilupp u r-riċerka bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku, nsibu li qed nonfqu 0.29% meta mqabbel ma` 1.9 tal-pajjiżi membri kollha. Gradwati fil-qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija minn kull elf ta' bejn l-20 u d-29 sena, insibu li f'pajjiżna għandna 3.1 meta fil-pajjiżi membri nsibu 12.3. Fejn jidħol l-infieq pubbliku bħala persentaġġ tal-GDP fl-edukazzjoni nsibu li pajjiżna qed jonfoq 4.54% meta l-medja tal-ħamsa u għoxrin pajjiż membru hija ta' 5.22%. Minn dawn il-ftit figuri li, għalkemm jidher li pajjiżna mhux ħażin ħażin fejn tidħol in-nefqa, mhux l-istess jista` jingħad fejn jidħlu r-riżultati miksuba s'issa. Dawn l-istess riżultati juru wkoll li mhux kollox ward u żahar fis-settur primarju u dak sekondarju, li dejjem jibqgħu l-pedamenti għal sistema edukattiva effettiva u ta' suċċess.

1.6 Minbarra li għandna nimxu u nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nilħqu mal-miri ta' l-Aġenda ta' Lisbona, għandna flimkien ma` dan naħdmu fuq l-Aġenda ta' Malta. Malta, bħala l-iżgħar pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea, għandu l-partikularitajiet u l-bżonnijiet tiegħu. Għalhekk l-Aġenda ta' Malta m`għandniex inwarrbuha u ninjorawha.

1.7 Ma nistgħux nipparteċipaw bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea u nkunu kompetittivi bħala pajjiż, meta għadna pajjiż fost l-ogħla fl-illitteriżmu b`numru kbir wisq ta' żgħażagħ iħallu l-iskola ma jafux jaqraw u jiktbu.

1.8 Ma nistgħux nibqgħu pajjiż li jalludi ruħu li qed jintroduċi xi teknoloġija ta' l-informatika fl-iskejjel meta la sar taħriġ biżżejjed għall-għalliema f`dan il-qasam u fl-istess ħin spiċċajna b'għalliema li kellhom *laptops* li qatt ma ntużaw u oħrajn li kellhom bżonnu u qatt ma kellhom.

1.9 Ma nistgħux nibqgħu pajjiż li jgħid li jrid isaħħaħ it-tagħlim tax-Xjenza u t-Teknoloġija meta t-tfal fl-iskejjel primarji qajla jaraw għalliema f'dawn is-suġġetti. Ma nistgħux nibqgħu naqgħu lura fit-tagħlim tas-suġġetti bażiċi, bħall-Ingliż, il-Malti u l-Matematika. Lanqas nistgħu naffordjaw li studenti li m`humiex motivati biex jitgħallmu fil-livell sekondarju, jew ifallu ta' spiss jew inkella jmorru l-iskola litteralment jaħlu l-ħin u jtellfu lil sħabhom. Dawn ukoll hemm bżonn li jirnexxu, għalkemm b'mod differenti. Ma nistgħux nibqgħu noffru mudell wieħed ta' sistema edukattiva, fejn nibqgħu nwaħħlu fl-istudenti li dawn mhux tajbin u allura m'hemmx x'tagħmel.

1.10 Ma nistgħux nibqgħu pajjiż li jgħid li jrid jagħti edukazzjoni sħiħa jew ħolistika meta tfal fil-primarji u studenti fis-sekondarji la għandhom biżżejjed lezzjonijiet f'dawn l-oqsma u wisq anqas għandhom l-faċilitajiet meħtieġa biex jgħinuhom jiżviluppaw ruħhom f'dawn l-oqsma. Ma nistgħux nibqgħu pajjiż fejn l-infieq kapitali fl-edukazzjoni jkun mifni bi skandli u kontroversji li jwasslu biex ma jsirx titjib konkret fl-iskejjel kollha tagħna.

1.11 F'kelma waħda, ma nistgħux nibqgħu pajjiż li qed jonfoq ħafna fl-edukazzjoni imma li mhux qed jonfoq sew. Hemm bżonn li jkollna l-prijoritajiet tagħna tajbin. Hemm bżonn li nħaddmu politika li tkun favur l-istudenti, fejn l-istudenti jkunu fiċ-ċentru ta' kull ħidma li titwettaq fl-edukazzjoni, fejn il-ħtiġijiet u n-neċessitajiet tagħhom ikunu indirizzati fid-dawl ta` soċjetà li dejjem jeħtieġilha li titgħallem.

1.12 Pajjiżna, għalhekk, jeħtieġ li anki f`dan il-qasam tant importanti jkun hemm mhux biss bidla fil-gvern imma bidla li twassal għal titjib fil-kwalità ta' l-edukazzjoni li tingħata lit-tfal u liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Il-Partit Laburista għandu viżjoni għall-edukazzjoni ta' pajjiżna, speċjalment l-edukazzjoni pubblika, li hija viżjoni ta' edukazzjoni ta' suċċess. Aħna impenjati li nassiguraw li l-edukazzjoni fl-iskejjel pubbliċi mhux biss tkun ta' l-aqwa kwalità, imma wkoll li l-flus minfuqa minn fondi pubbliċi jintefqu sew.

Gvern Laburista Ġdid jimpenja ruħu li jaħdem:

1.13 li fuq medda ta' bejn sebgħa u għaxar snin fis-settur edukattiv pubbliku ras għal ras nonfqu fuq kull student u studenta daqs kemm jonfqu l-iskejjel tal-Knisja u dawk privati. Huwa meħtieġ li ninvestu aktar f'materjal u għodda ta' tagħlim fejn l-istudenti jitgħallmu aħjar. Irridu li ntejbu kif jingħata t-tagħlim. Irridu fl-aħħar mill-aħħar li l-bidliet vera jseħħu fil-klassi, fejn it-tagħlim jitbiegħed kemm jista` jkun minn tip ta` tagħlim tradizzjonali għal wieħed aktar attiv.

1.14 li f`kull bidla meħtieġa nassiguraw l-aqwa edukazzjoni għal kulħadd billi ma jkunx hemm ostakoli biex dan jintlaħaq. Ħadd m'għandu jinżamm lura mill-aqwa edukazzjoni minħabba nuqqas ta' flus, nuqqas ta' ħiliet soċjali jew minħabba diżabiltajiet. Irridu edukazzjoni li tħares id-dimensjoni soċjali.

1.15 li l-programm edukattiv Laburista jagħti importanza lill-iżvilupp uman sħiħ, mhux biss dak konjittiv (*cognitive*), iżda wkoll dak emozzjonali, fiżiku u soċjali. Impenjati wkoll li ninvestu bil-qawwi f'servizzi edukattivi ta' għajnuna, jiġifieri f'edukazzjoni kumplimentari fl-oqsma kollha ta' l-iżvilupp uman. Għal dan il-għan ukoll, iżda mhux biss, impenjati li ninvestu

b`aktar qawwa fi programm vast ta' taħriġ għall-għalliema, esperti u persuni oħra fil-qasam ta' l-edukazzjoni, bħala kontinwazzjoni ta` aġġornament professjonali, kif ukoll ta` taħriġ adegwat. Ikun xieraq li bħal kull professjoni oħra, il-professjonisti fl-edukazzjoni jkunu wkoll esperti fl-istudji ta` l-edukazzjoni u mhux biss tas-suġġett akkademiku tagħhom.

1.16 li jitwettaq il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li kien ippubblikat fis-sena 1999. Barra minn dan irridu ninvestu biex jitfassal u jitwettaq kurrikulu vast u komprensiv fuq il-linji ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali li taħseb għall-ħtiġijiet ekonomiċi u industrijali ta' pajjiżna fiż-żminijiet tal-lum u tal-ġejjieni. Irridu nipprovdu edukazzjoni vokazzjonali, mżewqa b'suġġetti akkademiċi, sa mill-livell sekondarju. Hemm bżonn tinbidel il-mentalità li l-edukazzjoni vokazzjonali hija inferjuri u mhux importanti u meħtieġa daqs dik akkademika. Id-dinja tax-xogħol ta' pajjiżna teħtieġ nies tekniċi mħarrġa sew.

1.17 li għall-ġid ta` l-istudenti nfushom u biex ħadd ma jaqa` lura, saħansitra mill-ewwel snin ta` l-edukazzjoni, nintroduċu sena ġdida ta` *reception* jew sena ta` transizzjoni bejn il-fażi tal-*kinder* u dik tal-primarja. Din is-sena ġdida tiġi ntrodotta wara li jkun hemm preparazzjoni serja għaliha u wara l-konsultazzjonijiet li jkunu meħtieġa li jsiru.

1.18 li ntejbu l-kwalità tat-tagħlim, kemm fil-qasam post-sekondarju kollu u fil-livell terzjarju. Li niftaħru li żdied n-numru ta' studenti u nieqfu hemm mhux sinjal ta' maturità. Veru li huwa meħtieġ li aktar ikomplu jistudjaw wara li jlestu l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom, imma dan m'għandux ikun billi jaqa' l-livell. Barra minn dan hemm il-ħtieġa li aktar jispeċjalizzaw wara l-ewwel gradwazzjoni. Irridu wkoll ninvestu u nkabbru r-riċerka, kemm fost l-istudenti kif ukoll fost l-istaff akkademiku. Fl-istess waqt huwa importanti li l-Università tagħti rendikont tax-xogħol li tkun qed twettaq bil-flus li jiġu mit-taxxi tal-poplu. Irridu Università li tilgħab fil-*premier division*, fejn tħabbatha tajjeb ma` l-aħjar universitajiet fl-Ewropa.

1.19 li nagħtu spinta lill-edukazzjoni ta` l-adulti. L-edukazzjoni ma tieqafx hekk kif ngħalqu l-eta` ta` l-iskola obbligatorja. Illum nisimgħu bosta min jitkellem fuq l-edukazzjoni tul il-ħajja (*lifelong learning*). Huwa essenzjali li aktar nies jitħarrġu u jakkwistaw ħiliet ġodda bħala preparazzjoni għall-edukazzjoni tul il-ħajja, b`tama li dawn il-ħiliet jiġu akkwistati mil-livell primarju u jkomplu jiżviluppaw tul il-vjaġġ skolastiku obbligatorju u dak post-sekondarju.

1.20 li hekk kif inkunu fil-Gvern nagħmlu analiżi tal-qagħda edukattiva u nagħrblu bir-reqqa dak kollu li jista' jitkompla u dak li jkun jeħtieġ jinżabar u jitwarrab. Waqt li nkunu qed

nagħmlu dan għandna nikkunsidraw kollox fuq bażi oġġettiva u wara pariri edukattivi minn esperti. Gvern Laburista ġdid ma jwaqqaf l-ebda inizjattiva abbażi ta' pika jew politika partiġġjana. Żgur li dan ma jkunx fl-interess ta' l-istudenti, li fl-edukazzjoni għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni.

1.21 Fuq kollox aħna impenjati li ninvestu biex l-edukazzjoni tat-tfal u studenti Maltin u Għawdxin tkun esperjenza ta' suċċess u li tagħti pjaċir lil min jitgħallem, mingħajr ostakoli bla bżonn li jfixxklu l-iżvilupp sħiħ ta` l-individwu. Suċċess li jgħinhom jiżviluppaw il-ħiliet u l-aspirazzjonijiet kollha tagħhom. Suċċess li jgħinhom jieħdu posthom fis-soċjetà u jikkontribwixxu għas-suċċess tal-pajjiż.

1.22 Kif diġà stqarrejna fil-"Pjan ta' Qawmien Ekonomiku u Soċjali għal Malta u Għawdex" f'Ġunju ta' l-2005, bħala Partit Laburista rridu li jkollna sistema edukattiva li tiżviluppa r-riżorsi umani aħjar.

## 2.0 Prinċipji għal politika moderna u aġġornata għall-qasam edukattiv

2.1 Politika edukattiva moderna għandha tkun ibbażata fuq ħames prinċipji ewlenin:

- tkun inklussiva fl-aktar sens wiesa`
- ikollha dimensjoni soċjali
- tevolvi f`sinerġija ma` l-iżvilupp ekonomiku
- tippermetti diversifikazzjoni
- tkun tul il-ħajja

Edukazzjoni inklussiva

L-opportunitajiet edukattivi għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament minn kull tip ta’ twemmin reliġjuż jew politiku, kundizzjoni soċjali, diżabilità fiżika, abbiltà akkademika, appartenenza etnika, jew sess. Minkejja l-fatt li s-sistema edukattiva Maltija għadha bbażata ħafna fuq ċertifikazzjoni permezz ta’ eżamijiet formali u selettivi, dan, għalkemm jikkostitwixxi problema ta’ kontradizzjoni fattwali, m’għandux joħloq xkiel sabiex naħdmu ħalli kull livell tal-qasam edukattiv isir aktar inklussiv. Għaldaqstant, jeħtieġ li jittieħdu l-passi kollha neċessarji bil-għan li jkollna metodoloġija ta’ l-assessjar aktar ġust, realistiku u flessibbli.

Edukazzjoni b`dimensjoni soċjali

Il-qasam edukattiv għandu jkollu l-iżvilupp soċjali bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu. Għalkemm bosta riformi edukattivi fil-passat għenu sabiex jonqos l-illitteriżmu, illum jidher li din il-problema soċjali qed terġa` terfa rasha. Jeħtieġ li l-qasam edukattiv ikun pro-attiv f`dan ir-rigward u tittieħed azzjoni konkreta.

Edukazzjoni li tevolvi f`sinerġija ma` l-iżvilupp ekonomiku

Il-qasam edukattiv għandu jkun sensittiv għall-ħtiġijiet ekonomiċi tal-pajjiż. Waħda mill-isfidi ewlenin li għandna quddiemna hi propju dik li filwaqt li l-qasam edukattiv jipprovdi l-akbar numru ta’ opportunitajiet ta’ taħriġ li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, dan it-taħriġ għandu, kemm jista` jkun kompatibbli mal-ħtiġijiet li jevolvu fid-dinja tax-xogħol.

Edukazzjoni li toffri diversifikazzjoni

Is-sistema edukattiva jeħtieġ tiżgura diversifikazzjoni fil-programmi ta’ taħriġ offruti. Sa minn età żgħira l-individwu għandu jkun espost għall-akbar firxa ta’ tagħlim f dixxiplini varji. Dan mingħajr ma jitnaqqas il-ħtieġa ta’ ċerta livell ta’ speċjalizzazzjoni aktar tard matul il-ħajja. Permezz ta’ diversifikazzjoni xierqa fil-programmi ta’ tagħlim joktru l-kompetenzi u għalhekk l-individwu jkun aktar flessibbli meta jidħol fid-dinja tax-xogħol.

Edukazzjoni għal tul il-ħajja

Il-proċess edukattiv ma jintemmx ma` l-edukazzjoni formali ta’ l-individwu imma għandu jkompli tul il-ħajja. Dan l-aktar fid-dawl tal-ħtiġijiet ġodda li jevolvu kontinwament mid-dinja tax-xogħol. Għaldaqstant, filwaqt li l-individwu għandu jkun espost għal dan il-kunċett, attitudni u dispożizzjoni lejn l-edukazzjoni sa minn età żgħira, m`għandu jkun hemm l-ebda xkiel sabiex kulħadd ta’ kull età jew grupp soċjali jkun jista` jibbenefika minn opportunitajiet ta’ tagħlim li jippreżentaw irwieħhom minn żmien għall-ieħor.

2.2 L-integrazzjoni ta’ dawn il-prinċipji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika edukattiva għandu jwassal sabiex is-soċjetà Maltija tkun tista` tibbenefika mill-akbar numru ta’ opportunitajiet edukattivi. Dan għandu jġib miegħu firxa aktar wiesgħa ta’ tagħlim u kompetenzi fost il-poplu u għaldaqstant impatt pożittiv fl-oqsma ekonomiċi u soċjali.

## 3.0 It-Tmexxija fil-Qasam Edukattiv

3.1 Fil-preżent il-qasam edukattiv f`Malta, esklużi l-Università u l-MCAST, huwa mmexxi u kkontrollat fl-aspetti tiegħu kollha permezz ta' tliet entitajiet ewlenin: id-Diviżjoni ta' Edukazzjoni, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u l-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi. L-operat ta` dawn l-entitajiet huwa ko-ordinat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni kif stabbilit bil-liġi. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandha rwol ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Filwaqt li l-missjoni tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada jikkonsisti fil-pussess u l-immanniġġar strutturali ta' l-iskejjel f`kull livell, il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi għandha bħala għan ewlieni l-promozzjoni ta' inizjattivi edukattivi diversi, primarjament wara l-ħin normali ta' l-iskola.

3.2 L-evoluzzjoni kontinwa tal-qasam edukattiv teħtieġ qafas operattiv li jkun risponsiv, effettiv u effiċjenti biżżejjed. L-għan aħħari ta' kull sistema amministrattiva għandu jkun iż-żieda fl-effiċjenza, *accountability* akbar u trasparenza fl-operat kollu. F'dawn l-aħħar snin, il-qasam edukattiv beda l-mixja tiegħu lejn qafas aktar deċentralizzat. Jirriżulta li l-għalliema u dawk kollha direttament involuti fit-tagħlim għadhom iħossu distakk kbir bejn l-operat maniġerjali u amministrattivi ċentrali u ta' l-iskola, u r-realtà li l-għalliema jgħixu fil-klassijiet ma' l-istudenti tagħhom. Għaldaqstant, l-entitajiet amministrattivi għandhom isiru ħafna aktar aċċessibbli għall-għalliema u dawk kollha li b`xi mod huma involuti fl-iskejjel.

3.3 Il-kunċett li gruppi ta' skejjel madwar Malta u Għawdex ikunu amministrati bħala kulleġġi (skejjel differenti li jaħdmu flimkien b`amministrazzjoni komuni), tista` tkun għażla tajba sabiex naslu li ċertu problemi fl-iskejjel tagħna jiġu solvuti. Madanakollu, din is-sistema trid tassigura li verament ser iġġib titjib fil-kwalità ta' l-edukazzjoni. Iżda din is-sistema m'għandhiex tkun karatterizzata minn qafas ta' tmexxija aktar kumplessa, burokratika u ċertament mingħajr ħtieġa, kif qed jipproponi l-Gvern preżenti. Fid-dawl ta' dan kollu jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni tas-sistemi differenti ta' kulleġġi u kif dawn ikunu qed joperaw, b`mod li jkun żgurat li l-iskejjel ma jitilfux l-awtonomija u

l-karatteristiċi tagħhom.

3.4 Matul dawn l-aħħar snin l-awtoritajiet edukattivi investew ħafna flus fl-ikkummisjonar ta' rapporti dwar diversi *issues* li jolqtu l-qasam edukattiv. Għalkemm m`hemmx dubju li f'ħafna minn dawn ir-rapporti sar xogħol tajjeb li importanti li jkun analizzat kif jixraq, huwa fatt li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet baqgħu fuq l-ixkaffa u azzjoni konkreta ftit li xejn ittieħdet. Jidher ukoll li xi kultant l-għalliema ġew ikkonsultati ftit wisq u mhux fil-ħin propizju matul il-proċess għat-tfassil ta' dawn ir-rapporti. Għaldaqstant, ikun jagħmel ħafna aktar ġid jekk l-għalliema, flimkien mar-rappreżentanti tagħhom ikunu konsultati b'mod adegwat u f'waqtu u mhux kif ġara fit-tfassil ta' wħud minn dawn ir-rapporti.

3.5 L-amministrazzjoni ta' l-edukazzjoni f'Malta naqblu li jkollha l-aspett regolatorju u dak operattiv. Filwaqt li l-funzjonijiet tagħhom għandhom ikunu distinti minn xulxin, irridu nassiguraw li jkun hemm konsultazzjoni, kordinazzjoni u kollaborazzjoni bejniethom. Din l-istess konsultazzjoni, kordinazzjoni u kollaborazzjoni għandha tkun mifruxa bejn iż-żewġ strutturi ċentrali u l-iskejjel. Dawn l-istrutturi għandhom ikunu effiċjenti, effettivi u ħielsa minn burokrazija żejda.

3.6 Dawn iż-żewġ strutturi ċentrali, għandu jingħatalhom ir-rizorsi umani, finanzjarji u materjali meħtiega. Dan għandu jsir ħalli jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom u biex ikun assigurat li l-proċess kollu jkun ta' kwalità. Fl-aħħar mill-aħħar jekk jiġri hekk l-istudenti għandhom igawdu l-ewwel u qabel kollox. Minn dan jibbenefikaw ukoll l-għalliema u s-sistema edukattiva b`mod ġenerali.

3.7 Dan ikun jista` jitwettaq meta tingħeleb il-kriżi li hemm fil-preżent fejn karigi importanti jibqgħu vakanti għal żmien twil. Għandha ssir analiżi għaliex qed jiġri dan u jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex din il-problema tingħeleb.

## 4.0 It-Taħriġ u l-Iżvilupp Professjonali tal-Personell fl-Iskejjel

4.1 Teżisti l-ħtieġa li jsir investiment qawwi u ppjanat fit-taħriġ tal-personell edukattiv kollu fl-iskejjel. Wieħed irid jifhem li fl-evoluzzjoni kontinwa li għaddej minnu l-qasam edukattiv ma jistax ikun li kull min hu direttament involut mat-tagħlim u l-bżonnijiet tat-tfal ma jkunx imħarreġ u aġġornat sew, mhux biss fil-kontenut tas-suġġett li sa jiġi mgħallem imma wkoll fil-pedagoġija. Dan bil-għan li tiġi pprovduta edukazzjoni ta' kwalità vera lill-ġenerazzjonijiet li tilgħin.

4.2 Wasal iż-żmien li nikkunsidraw bis-serjetà reviżjoni sħiħa tal-mod ta' kif għalliema ġodda ħerġin mill-Università jibdew il-karriera tagħhom fl-iskejjel. Dan għandu jimplika l-introduzzjoni ta' sistemi ta' *mentoring* u *induction* fejn l-għalliema l-ġodda, ta' l-anqas matul l-ewwel sena tal-karriera tagħhom, jsibu *support* kontinwu minn edukaturi ta' esperjenza fis-settur partikulari. Fuq tul ta' żmien, proċess ta' *mentoring* u *induction* li jkun effiċjenti għandu jwassal għal kwalita` superjuri ta' tagħlim. Sabiex dan isir din ir-responsabbiltà tkun waħda speċifika u definita fir-rwoli tat-tim tat-tmexxija ta' l-iskejjel.

4.3 L-aġġornament kontinwu tal-personell edukattiv fl-iskejjel għandu jinkludi lil dawk kollha nvoluti fil-qasam amministrattiv kif ukoll lit-tim ta' tmexxija ta' l-iskejjel. Dan għandu jsir f'koordinament sħiħ bejn l-entitajiet edukattivi u dawk mill-istituzzjonijiet, fosthom l-Università, li jistgħu joffru servizzi bħal dawn.

4.4 Kull tip ta' inizjattiva fil-qasam ta' l-aġġornament professjonali ta' l-għalliema għandu jsir fuq bażi regolari u jkun tal-livell mixtieq. Dan l-aġġornament għandu jkun kemm fuq livell pedagoġiku u metodoloġiku kif ukoll fil-kontenut tas-suġġetti mgħallmin.

4.5 Il-personell edukattiv fl-iskejjel jinkludi wkoll il-*facilitators*. Teżisti l-ħtieġa li r-rwol tal-*facilitators* jevolvi aktar lejn wieħed ta' *teacher assistant*. Dan ifisser li minflok ma nipperpetwaw is-sitwazzjoni preżenti fejn il-*facilitators* ikunu esklussivament marbuta ma' student wieħed b'diżabiltà, it-*teacher assistant* għandu jkun hemm għat-tfal kollha,

b'attenzjoni speċjali għal dawk b'diżabilità. Dan huwa eżempju tanġibbli fejn l-edukazzjoni ssir aktar inklussiva bil-fatti għall-ġid tat-tfal kollha. Ovvjament, proċess bħal dan jeħtieġ evalwazzjoni sħiħa fil-kuntest tal-ħtiġijiet diversi tas-setturi varji. Dak li huwa validu u fattibbli f'settur bħall-primarja mhux neċessarjament jista` jkun applikat fis-sekondarja jew f'xi settur ieħor.

4.6 Dawk kollha li fl-iskejjel huma involuti mall-ħtiġijiet emozzjonali, ta' aġir u dawk psikoloġiċi ta' l-istudenti, jiġifieri *counsellors* u psikoloġi għandhom rwol importanti ħafna fil-qasam edukattiv. L-operat ta' dawn il-professjonisti għandu jissaħħaħ f`kull livell, speċjalment fil-kuntest tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull skola. Għandu jsir kull sforz sabiex jiżdied in-numru ta' professjonisti mħarrġa f`dawn l-oqsma u li jkunu lesti jaħdmu fl-ambjent ta' l-iskejjel tagħna. Sa ċertu punt, ix-xogħol tal-*guidance teachers* jista` jitqies bħala kumplimentari ma` dak li jsir fil-qasam emozzjonali u psikoloġiku ta' l-istudent. Għaldaqstant jeħtieġ li, anke fir-rwol tal-*guidance teachers*, isir l-investiment mixtieq kemm f'termini ta' riżorsi materjali u finanzjarji kif ukoll dawk umani.

4.7 Jeħtieġ li tiżdied is-sensittività tal-qafas edukattiv ta' pajjiżna fil-konfront tal-problemi soċjali li bilfors jolqtu bl-aktar mod qawwi l-istudenti ta' kull età. Għaldaqstant il-kamp edukattiv għandu joffri l-akbar spazju għas-*social workers* sabiex, flimkien ma` sħabhom professjonisti oħra, dawn ikunu jistgħu jagħtu l-aqwa kontribut bil-għan li l-impatti li l-problemi soċjali jħallu fuq it-tfal ikunu mitigati bl-aqwa mod possibbli. Tinħass ukoll il-ħtieġa ta' azzjoni aktar konkreta għat-tisħiħ ta' valuri soċjali aktar sodi fil-ġenerazzjonijiet li telgħin. Anke f`dan il-qasam is-*social workers* għandhom sehem importanti x'jagħtu.

4.8 Matul dawn l-aħħar snin kellna l-introduzzjoni ta' *health and safety teachers*. Dawn il-professjonisti għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu fid-dawl tal-ħtieġa li fl-iskejjel tagħna jkun hemm ambjent xieraq u sigur. Filwaqt li jeħtieġ li ssir evalwazzjoni serja tal-mod kif l-operat ta' dawn l-għalliema jsir aktar effettiv, għandna nħarsu wkoll lejn ir-responsabbiltajiet f`dan il-qasam fil-kuntest ta' l-implikazzjonijiet kollha li dan iġib miegħu. Irid ikun żgurat li l-*health and safety teachers* jingħataw it-taħriġ meħtieġ b'mod kontinwu ħalli jkunu jistgħu jagħtu l-aħjar servizz lil dawk kollha li jiffurmaw parti mill-komunità skolastika.

4.9 Jeżisti qbil fost bosta esperti kif ukoll jirriżulta minn riċerka lokali li x-xogħol u r-rwol ta' l-għalliem kommess u ddedikat jinvolvi ammont sostanzjali ta' stress. Fl-evoluzzjoni tal-qasam edukattiv, għandna naraw li jkollna l-aqwa provediment possibbli ta' s*upport services* għall-għalliema f'dan ir-rigward.

4.10 It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-personell edukattiv fl-iskejjel għandu jibbenefika bl-aktar mod immedjat u effettiv minn kwalunkwe fondi jew opportunitajiet oħra li jistgħu joħorġu b'riżultat tas-sħubija sħiħa ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Biex dan iseħħ hemm bżonn li jkun hemm sistema ta` komunikazzjoni effettiva li twassal l-informazzjoni dwar opportunitajiet li jeżistu, li jitneħħew strutturi burokratiċi żejda u li l-proċess ta` l-għoti ta` dawn l-opportunitajiet ikun wieħed trasparenti.

4.11 Nemmnu li għandu jkun hemm Kunsill għall-Professjoni ta` l-Għalliema. Għaldaqstant nidħlu f'diskussjonijiet mar-rappreżentanti ta` l-għalliema ħalli dan il-Kunsill ikun jirrifletti l-bżonnijiet, il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet veri ta` l-għalliema nfushom u l-pajjiż, biex dejjem jiġi mogħti l-aħjar servizz lill-istudenti.

## 5.0 Is-Servizzi tal-*Guidance* u *Counselling*

5.1 Filwaqt li nirrikonoxxu x-xogħol li ilu jsir fil-qasam tal-*guidance* u *counselling services* offruti mill-iskejjel f'pajjiżna, nħossu li wasal iż-żmien li dawn is-servizzi ma jibqgħux flimkien u allura ma jibqgħux jingħataw mill-istess persuna. Hemm differenza bejn *guidance* u *counselling* u żgur li hemm ħiliet u bżonnijiet differenti. Għandu jkun assigurat li kemm jista` jkun u sa fejn huwa prattikabbli dawn is-servizzi għandhom jingħataw f'kull skola.

5.2 Jeħtieġ li jkollna sinerġija akbar bejn l-iżviluppi li jseħħu kontinwament fid-dinja tax-xogħol u l-operat tas-servizz tal-*guidance* li joffri l-qasam edukattiv. Għaldaqstant, il-personnell kollu involut għandu jkun sensittiv biżżejjed għar-realtajiet li jevolvu minn żmien għall-żmien fis-suq tax-xogħol sabiex ikun possibbli li l-istudenti fl-iskejjel ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu għażliet infurmati tajjeb f`dak li għandu x'jaqsam mal-karrieri. Dan jeħtieġ li jkun kumplimentat minn relazzjoni mill-aqwa bejn dawk kollha involuti fil-qasam edukattiv u l-esponenti ewlenin fid-dinja tax-xogħol. Barra minn dan, min jagħti dan is-servizz irid iżomm quddiem għajnejh ir-realtà politika ġdida ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u jżomm ruħu aġġornat ma' l-iżviluppi kollha li jkunu qed iseħħu. Dan l-aġġornament irid ikun kemm fil-kamp edukattiv, kif ukoll fir-rigward ta' opportunitajiet ta' xogħol.

5.3 Is-servizz tal-*counselling* mill-banda l-oħra għandu jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq il-bżonnijiet ta' l-istudent mill-aspetti l-oħra u li huma aktar marbuta mal-persuna u dak li jkun għaddej minnu l-istudent mil-lat emozzjonali u soċjali. F'dan il-kuntest il-familja ta' l-istudent, b'mod partikolari l-ġenituri jilagħbu parti importanti fil-ħidma tal-*counsellor* fejn ikun meħtieg li jinżamm kuntatt aktar mill-qrib. Dan għandu jsaħħaħ ir-rwol importanti li l-ġenituri għandhom, u li għandu jibqa` jkollhom fl-edukazzjoni sħiħa ta' wliedhom.

5.4 Għandu jitwaqqaf b`mod ċentrali servizz ta` appoġġ għall-persuni fl-oqsma tal-*Guidance* u tal-*Counselling* sabiex iwettqu bl-aħjar mod il-ħidma tagħhom b`risq l-istudenti

## 6.0 It-Tmexxija ta' l-Iskejjel

6.1 Jeħtieġ li nagħrfu li r-rwol tat-tim ta' tmexxija ta' l-iskola huwa wieħed kruċjali għal dak li għandu x'jaqsam mas-suċċess ta' kull skola. Qabel xejn, it-tmexxija ta' skola teħtieġ viżjoni. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li dawk kollha involuti fl-amministrazzjoni ta' l-iskola ma jservux biss ta' amministraturi iżda għandhom ikunu mexxejja li kapaċi jagħtu direzzjoni edukattiva li tkun effettiva filwaqt li jkollhom dawk il-ħiliet maniġerjali u ta' mexxejja edukattivi tant mixtieqa. Bid-devoluzzjoni ta' bosta responsabiltajiet li seħħet fil-kamp edukattiv matul dawn l-aħħar snin, jidher li nħoloq żbilanċ fir-rwol tat-tim ta' tmexxija minħabba l-volum dejjem jikber ta' xogħol purament amministrattiv u klerikali li dawn issa huma direttament obbligati u mistennija li jwettqu. Jeħtieġ li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex dan l-iżbilanċ negattiv jitreġġa` lura mill-aktar fis possibbli.

6.2 L-aktar aspett importanti fix-xogħol tat-tim ta' tmexxija ta' l-iskola għandu jkun it-twettiq tal-kurrikulu fl-iskola. Dan jimplika li apparti milli jaraw li l-iskola tkun immexxija tajjeb, it-tim ta' tmexxija għandu jkollu kuntatt aktar spiss u dirett ma` dak li jkun qed iseħħ fil-klassi. Dan ifisser li t-tim ta' tmexxija ta' l-iskola għandhom jitqiesu bħala l-*critical friend* ta' l-għalliema ta' l-iskola tagħhom. Dan għandu jservi sabiex titjieb il-kwalità tat-tagħlim għall-gid ta' l-istudenti.

6.3 It-tmexxija ta' l-iskola flimkien ma` l-għalliema għandhom jaħdmu id f'id sabiex jaraw li l-kurrikulu ta' l-iskola jitwettaq skond il-ħtiġijiet u l-ħiliet ta' l-istess studenti b'mod li l-kurrikulu jsir ħafna aktar relevanti għall-aspirazzjonijiet ta' l-istudenti. Dan, iżda, dejjem skond il-ħtigijiet u l-i*standards* nazzjonali. Fil-prattika dan jimplika li bl-aktar mod kolleġġjali t-tmexxija jkollha kuntatt aktar frekwenti, regolari u pro-attiv ma` l-għalliema u dan mhux sempliċiment għall-finijiet ta' *school development plans*.

6.4 Jeħtieg li jissaħħaħ sewwa t-taħrig ta` dawk kollha li qed jaspiraw sabiex eventwalment ikollhom sehem dirett fit-tmexxija ta' l-iskejjel. It-taħrig għandu jitkompla anke meta persuna tieħu l-kariga, jigifieri għandu jkun hemm taħriġ kontinwu. Dan bil-għan li mhux biss ikollhom motivazzjoni u ħila għat-tmexxija ta' l-iskejjel fiċ-ċirkustanzi tal-lum imma

wkoll li jkunu kapaċi jilqgħu l-isfidi li jevolvu minn żmien għal żmien fil-kamp tat-tmexxija ta' l-iskejjel. Dan isir mhux biss f'termini tat-taħriġ avvanzat, imma wkoll b'inizjattivi kumplimentri fosthom sistemi ta' *mentoring* u *handing over*.

6.5 It-tmexxija ta' l-iskola għandu jkollha kull faċilità sabiex iżżomm ruħha aġġornata ma` l-iżviluppi relevanti li jkunu għaddejjin f'dan il-kamp fil-pajjiżi ġirien, speċjalment dawk fl-Unjoni Ewropea. Dan jinkludi wkoll li t-tmexxija ta' l-iskola tingħata ċ-ċans tagħmel użu minn opportunitajiet li permezz tagħhom jinħolqu kuntatti aktar sodi u frekwenti ma` professjonisti involuti fit-tmexxija ta' skejjel barra minn Malta.

6.6 Jidher ċar li preżentament bosta mit-tmexxija ta' l-iskola qed isibu diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet dejjem jikbru fit-tmexxija edukattiva minħabba li tul is-snin ġew mgħobbija b'xogħol amministrattiv u klerikali. Għaldaqstant, jeħtieġ li jittieħdu miżuri aktar konkreti sabiex it-tmexxija fl-iskejjel tingħata *support staff* aktar sħiħ milli hemm bħalissa, speċjalment fl-immaniġġjar tal-finanzi ta' l-iskola. Fl-assenza ta' dan ser ikun diffiċli ħafna għal dawk kollha involuti fit-tmexxija ta' l-iskejjel biex ikollhom sehem aktar fejjiedi minn wieħed purament klerikali jew amministrattiv. Ħafna xogħol amministrattiv li qed isir bħalissa jista` faċilment isir minn *staff* amministrattiv bl-istess effiċjenza.

6.7 Fid-dawl ta' l-għajnuna amministrattiva msemmija qabel, it-tmexxija ta' l-iskola tkun f'qagħda aħjar biex jaħdmu aktar fuq id-direzzjoni kurrikulari. Barra minn dan huma jkollhom l-opportunità ta' aktar kuntatt ma` l-istudenti.

6.8 L-istruttura tat-tmexxija ta' l-iskejjel trid tissaħħaħ billi jiżdiedu r-rwoli definiti kemm kurrikulari u anke pastorali, b'uffiċjali oħra maħtura apposta. Dan jista` jfisser li jkun hemm żieda fit-tim tat-tmexxija ta' l-iskejjel. Huwa importanti u meħtieġ li biex ikun hemm kontinwità fl-edukazzjoni ta` wliedna, kemm jista` jkun ma jkunx hemm ċaqliq bla bżonn fit-tim ta tmexxija.

6.9 Wasal iż-żmien, anke sabiex kemm jista` jkun, ikun hemm sigurtà fl-iskejjel, kif ukoll biex jilqgħu lin-nies li għal xi raġuni jew oħra jmorru fl-iskejjel statali, li jkun hemm persuni li jiġu mħarrġa għal dan ix-xogħol.

## 7.0 L-Iskejjel tal-Gvern, tal-Knisja u dawk Privati

7.1 Fil-qasam ta' l-edukazzjoni f`pajjiżna hawn lok għall-evoluzzjoni kemm tas-settur statali kif ukoll dak li mhux. Huwa fatt li matul dawn l-aħħar snin is-setturi ta' l-iskejjel privati u tal-Knisja għaddew minn żvilupp mgħaġġel u attiraw lejhom aktar studenti u għalliema fil-livelli kollha. Minkejja dan, iżda, waħda mill-isfidi għall-ġejjieni ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna jekk verament irridu li naslu għal edukazzjoni tassew inklussiva, hi li jkun hemm kollaborazzjoni u sinerġija akbar bejn is-setturi edukattivi statali, tal-Knisja u dawk privati.

7.2 Jibqa` l-fatt li l-ewwel obbligu li għandu jkollu kull Gvern hu li l-iskejjel tiegħu jkunu l-aqwa skejjel fil-pajjiż. Dan jimplika li t-tmexxija tal-pajjiż għandha tara li l-iskejjel Statali jkollhom l-aqwa għalliema, riżorsi u ambjent fiżiku oġġettiv li wara kollox m'għandux ma jintlaħaqx meta wieħed iqis il-miljuni kbar ta' liri li jiġu investiti kull sena fis-settur. Irridu naraw li fi żmien seba` snin il-flus li jmorru direttament għall-edukazzjoni ta' l-istudenti fl-iskejjel tal-Gvern ikunu daqs dawk tas-setturi l-oħra.

7.3 Għandha tinħoloq klima bejn l-iskejjel, li mhux biss tippermetti aktar kollaborazzjoni bejn l-iskejjel, irrespettivament humiex statali, tal-Knisja jew privati, imma li jagħti lok għal tisħiħ ta` kuntatti bejn l-iskejjel Maltin u Għawdxin u dawk barranin. Dan l-aktar fil-kuntest ta` sħubija sħiħa ta` Malta fl-Unjoni Ewropea.

## 8.0 L-Ambjent Fiżiku, id-Dixxiplina u s-Saħħa u s-Sigurtà fl-Iskejjel

8.1 Filwaqt li huwa tajjeb li l-iskejjel tagħna jintrabtu li jħaddnu kodiċi ta' dixxiplina b'mod effettiv li jipproteġi lil kulħadd, m`hemmx dubju li għandna mmorru aktar 'il bogħod minn hekk. L-iskejjel m`humiex biss istituzzjonijiet ta' tagħlim iżda jirrappreżentaw komunitajiet fihom infushom. Għaldaqstant il-membri kollha f'dawn il-komunitajiet huwa mistenni minnhom li jħaddnu ċertu valuri u jġibu ruħhom kif jixraq. Dan ifisser, fost l-oħrajn, li l-iskejjel għandhom ikunu postijiet fejn il-ġenerazzjonijiet li telgħin jitrawwmu sa minn età żgħira f `kultura ta' rispett lejn l-individwu, l-awtorità kif ukoll l-ambjent b'mod ġenerali, iħaddnu sens wiesa` ta' tolleranza, kif ukoll manjieri xierqa. Dan għandu jwassal sabiex l-iskejjel tagħna jkomplu jservu ta' ambjent fejn inrawwmu ġenerazzjonijiet b'valuri sodi, aktar u aktar fid-dawl tal-pressjonijiet soċjali li qed jiżdiedu fuq il-familji Maltin u Għawdxin. L-istudenti għandhom jiġu mgħallma li d-dmirijiet u d-drittijiet jimxu flimkien u li għal kull dritt hemm dmir.

8.2 Minkejja l-isforzi kollha, dejjem jigri li jseħħu każijiet serji ta' indixxiplina minn żmien għal żmien. Bla dubju ta' xejn dawn għandhom ikunu ttrattati bl-aktar mod immedjat u effikaċi. Bl-ebda mod u għall-ebda raguni m`huma se jkunu ittolerati studenti b'każijiet serji ta' imgieba ħażina li ttellef u xxekkel l-edukazzjoni ta' sħabhom. Dawn ikunu riferuti għal *units* speċjalizzati li jitwaqqfu bl-iskop speċifiku li jtejbu l-imgieba ta' dawn l-istudenti qabel ma jirritornaw lura lejn l-iskola. Fl-istess ħin nemmnu li huwa importanti ħafna li, aktar milli nillimitaw ruħna biss biex jittieħdu miżuri fil-konfront tas-sintomi, jeħtieġ li jiġu trattati l-kawżi li normalment iwasslu għal każijiet serji ta' mġieba ħażina fl-iskejjel. Għalhekk, jissaħħu u jitjiebu bir-riżorsi umani meħtieġa l-istrutturi ta' appoġġ għall-familji ta' dawn it-tipi ta' studenti. Dawn l-istudenti għandhom jiġu mgħejjuna minn nies professjonali minn kull qasam, bħal ngħidu aħna psikoloġi, *youth workers*, *social workers* u oħrajn skond kif ikun meħtieġ għall-ġid tagħhom u sabiex malajr kemm jista` jkun jirritornaw fl-iskola ma` sħabhom. F`każi oħrajn li jkunu anqas gravi, dan l-appoġġ għandu jingħata wkoll minn persuni professjonali fl-iskola stess.

8.3 Is-saħħa u s-sigurtà fl-iskejjel għandha tittieħed aktar bis-serjetà u tissaħħaħ. Ma nistgħux nibqgħu fis-sitwazzjoni fejn l-għalliema inkarigati mis-saħħa u sigurtà jagħmlu rapporti regolari dwar ir-riskji u l-perikli li jeżistu fl-iskejjel biex imbagħad dawn jispiċċaw jiġbru t-trab fuq l-iskrivaniji ta' xi ħadd fid-Diviżjoni. Gvern Laburista jassigura li dan il-qasam jiġi trattat b`aktar serjetà billi fi żmien ġimgħa li jsir rapport mill-għalliem inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fl-iskola dik l-istess skola tingħata tweġiba dwar x'passi għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti. Sa żmien xahar, l-uffiċċjal responsabbli b'mod ċentrali minn dan il-qasam, għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jelimina l-periklu indikat fir-rapport. Kopji ta' dawn ir-rapporti u l-azzjoni li ttieħdet dwarhom għandhom jintbagħtu wkoll lill-Ministru tal-Edukazzjoni minnufih.

8.4 Biex tiżdied il-kuxjenza dwar is-saħħa u s-sigurtà fl-iskola, nassiguraw ukoll li l-għalliema u l-istaff anċillari kollha jingħataw taħriġ ħalli jkunu jistgħu jagħrfu aktar x'inhuwa periklu u riskju fl-iskola. B'hekk, l-istaff kollu kollettivament isir responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fl-iskola taħt il-gwida tal-għalliema inkarigat minnha.

8.5 L-ambjent fiżiku fl-iskejjel mhux biss irid ikun ħieles mill-periklu, imma hemm bżonn li jkun ambjent li jilqgħek u sabiħ. Għalhekk, inġeddu l-impenn tagħna li naħdmu qatigħ ħalli l-ambjent fiżiku fl-iskejjel tagħna kollha jitjieb għall-ġid ta' l-istudenti u ta' dawk li jaħdmu fihom. L-ambjent fiżiku jgħin ħalli l-edukazzjoni tingħata aħjar sabiex l-istudenti jħossu tassew li l-iskola hija t-tieni dar tagħhom.

8.6 Tliet aspetti oħra li, għalkemm mhux ta' natura purament edukattiva jirrikkjedu attenzjoni pjuttost immedjata, huma t-toqol eċċessiv tal-basktijiet ta' l-iskola, il-ħinijiet bikrin li t-tfal spiss isibu ruħhom jistennew barra l-iskola minħabba kwistjonijiet ta' trasport, kif ukoll il-kwalità tal-prodotti ta' l-ikel ipprovduta fl-iskejjel mit-*tuck shops*. L-ewwel, jeħtieġ li l-isforzi kollha li seħħew matul dawn l-aħħar snin sabiex it-tfal jagħmlu użu minn *lockers* fl-iskejjel stess ikunu mifruxa aħjar fost l-iskejjel kollha. M'huwiex aktar aċċettabbli li t-tfal ikunu kostretti jġorru basktijiet tqal, ġurnata wara l-oħra, b'dannu għal saħħithom. It-tieni, l-entitajiet kollha fil-qasam edukattiv għandhom jagħmlu dak kollu possibbli sabiex ma jkollniex tfal jiġġerrew barra sa minn kmieni ħafna qabel il-ħinijiet ta' l-iskola. It-tielet, illum nafu li l-problema ta' l-obeżità u dieta ħażina fost it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin saret waħda ta' tħassib u li teħtieġ azzjoni immedjata. Għaldaqstant, irid ikun assigurat li t-*tuck shops* kollha joffru ikel ta' l-aqwa kwalità kif huwa rikjest mir-regolamenti dwar l-offerti għall-appalt ta' dawn it-*tuck shops*.

## 9.0 Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

9.1 Kien pass fid-direzzjoni t-tajba meta, lura fid-disgħinijiet, ġie mniedi l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Il-proċess li wassal għall-pubblikazzjoni tad-dokument "Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien" fl-1999, involva l-parteċipazzjoni wiesgħa u attiva ta' bosta minn dawk direttament involuti fil-qasam edukattiv u sar ħafna xogħol tajjeb ta' preparazzjoni. Dnub, iżda, li ftit wisq minn dak propost fil-kurrikulu spiċċa fil-fatt implimentat fil-livell tal-klassi. Minkejja l-fatt li dan id-dokument jidentifika xejn anqas minn ħmistax-il prinċipju kurrikulari flimkien ma` numru ta' għanijiet relatati, hija ħasra li għadda tant żmien u sar ftit wisq biex b`mod konkret dawn il-prinċipji jitwettqu fil-prattika. Aktar milli sempliċement ikollna għanijiet nobbli għall-qafas edukattiv, jeħtieġ li nkunu ħafna aktar produttivi f`termini ta' implimentazzjoni ta' miżuri tanġibbli li jġibu magħhom titjib reali fil-kwalità ta' l-edukazzjoni fil-livell tal-klassi. Għaldaqstant, bħala l-ewwel pass, jeħtieg li ssir evalwazzjoni serja u indipendenti sabiex ikun determinat kemm twettaq minn dan il-kurrikulu. It-tieni pass għandu jkun li dawk kollha involuti fil-qasam edukattiv għandhom jaħdmu flimkien bil-għan li dak kollu li missu ilu li ġie implimentat jitwettaq mingħajr aktar dewmien.

9.2 Ir-realtajiet tal-lum fil-qasam edukattiv, fejn id-domanda għal aktar servizzi edukattivi qed tiżdied, tfisser li l-kurrikulu nazzjonali jirrifletti wkoll dawn ir-realtajiet. Għalhekk, pajjiżna jeħtieġ li, għaż-żmien li ġej, il-kurrikulu jkun imfassal b`mod li jkopri medda itwal ta' snin, aktar milli sat-tmiem ta' l-iskola sekondarja biss, jigifieri sa tmiem l-età obbligatorja. Dan għandu jippermetti identifikazzjoni aħjar ta' dawk il-proviżjonijiet meħtieġa fil-qasam post-sekondarju għas-snin li ġejjin.

9.3 Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħmel referenza għall-ħtieġa ta' edukazzjoni ħolistika li tkun tintegra kemm aspetti purament akkademiċi li huma eżaminabbli u dawk li m'humiex, ma` dawk extra-kurrikulari u intra-kurrikulari. Edukazzjoni tassew ħolistika għandu jkollha bħala għan ewlieni l-iżvilupp tat-tfal bl-aktar mod sħiħ. Dan ifisser li sa minn età żgħira l-individwu għandu jkun espost b`mod xieraq u meqjus għall-akbar firxa ta' suġġetti u jagħraf japprezza li kollha għandhom valur għall-ħajja. Sfortunatament,

minkejja kollox, ir-realtà f `ħafna skejjel turi li għad hemm żbilanċ kbir bejn l-importanza li jingħataw suġġetti eżaminabbli fil-konfront ta' dawk li m`humiex. Mhux biss, iżda għadu ma nstabx bilanċ xieraq bejn l-aspett akkademiku u dak extra-kurrikulari u intra-kurrikulari. Din ir-realtà għandha titqies bl-aktar mod xieraq mill-entitajiet kollha fil-qasam edukattiv fit-tfassil ta' politika edukattiva ħolistika u inklussiva.

9.4 Il-qofol ta' kurrikulu relevanti huma s-sillabi u l-ħajja fil-klassi. Għaldaqstant, is-sillabi, kemm tal-Primarja u tas-Sekondarja, hemm bżonn li jkunu aġġornati u li dan il-proċess isir flimkien bejn l-entità responsabbli mill-kurriklu u mis-sillabi u l-Fakultà ta' l-Edukazzjoni. Wara, sabiex ikun assigurat li dawn is-sillabi aġġornati jitwettqu, isir l-investiment meħtieg biex il-kotba u r-riżorsi li jkollhom l-istudenti u l-għalliema ikunu ta' livell tajjeb u rilevanti għaż-żmijiet tal-lum. F'dan il-proċess għandhom jiġu kkonsultati t-tim tat-tmexxija tal-iskejjel. Dawn, imbagħad ikollhom ir-responsabbiltà li jassiguraw li l-lezzjonijiet fil-klassi jkunu aktar ħajja u interessanti. Dan isir permezz ta' pjanar bis-serjetà, bi skemi ta' xogħol u pjan għall-lezzjonijiet, varjetà fil-pedagoġija u fl-użu tar-riżorsi tal-*multimedia* u ICT. Għandu jkun ikkunsidrat serjament li l-kotba ta` l-iskola (it-*text books*) jingħataw lill-istudenti fl-aħħar tas-sena skolastika. Dan għandu jkompli jxerred l-imħabba għall-kotba filwaqt li jagħmilha aktar faċli li l-kotba jiġu mibdula kull meta jkun meħtieġ.

9.5 Għalhekk huwa meħtieġ, li l-apparat li għandna fl-iskejjel, li huwa antik, jinbidel filwaqt li l-għalliema jtejjbu l-kompetenzi tagħhom fl-użu ta' dawn ir-riżorsi. Għaldaqstant, apparti mill-ħtieġa ta' aktar investiment materjali f'dan il-qasam, jeħtieġ ukoll li l-għalliema jkunu offruti opportunitajiet ta' taħriġ fl-użu effettiv tal-*multimedia* u ICT fil-klassi.

9.6 Filwaqt li għandu jsir kull sforz sabiex suġġetti bħal ma huma l-mużika, l-arti, id-drama, l-edukazzjoni fiżika, l-isports u l-*Personal and Social Development* (PSD) jingħataw għarfien dejjem akbar fil-qasam edukattiv, implimentazzjoni aktar xierqa tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandha tagħti prijorità lix-xjenza u t-teknoloġija, kif ukoll l-edukazzjoni ambjentali. Dan għandu jkun akkumpanjat b`investiment finanzjarju akbar u aktar opportunitajiet.

9.7 L-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jservi wkoll sabiex jiżdied l-għarfien kulturali fost il-ġenerazzjonijiet li telgħin. Dan mhux biss jinkludi l-aspetti varji relatati mal-wirt storiku u l-folklor ta' pajjiżna u ta' ġnus oħra ġirien tagħna, Ewropej u mhux, imma għandu jsarraf ukoll bħala mezz li bih joktor it-tagħrif dwar il-lingwi. Parti sostanzjali mill-ekonomija ta' pajjiżna tiddependi fuq it-turiżmu u għaldaqstant din

id-dimensjoni fl-implimentazzjoni tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandha sehem importanti ħafna, kif għandu wkoll it-tisħiħ tal-bilingwiżmu. Għalhekk, fuq kollox, it-twettiq tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jwassal biex jiżdied l-għarfien ta` l-identità Nazzjonali tagħna bħala Maltin.

## 10.0 L-Assessjar

10.1 L-assessjar, fil-forom kollha tiegħu, għandu jkun parti integrali fil-proċess tat-tagħlim. Aktar minn qatt qabel, il-qasam edukattiv għandu jimmira sabiex l-assessjar kollu li jsir f'kull livell ikun mezz tajjeb u validu li permezz tiegħu l-individwu jkun jista` jesponi l-ħiliet tiegħu kollha mingħajr biża` żejjed u bl-inqas ansjetà u stress possibbli. Fil-preżent, is-sistema edukattiva għadha tagħti importanza kważi assoluta u esklussiva lil forma waħda t'assessjar: l-eżami. Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-eżamijiet għandhom rwol importati xi jservu, ċertament la huwa l-aħjar u wisq aktar m`huwiex l-uniku mezz validu li permezz tiegħu nistgħu nkejlu l-ħiliet. Aktar milli nkomplu nillimitaw ruħna għal qafas ta' eżamijiet formali, teżisti l-ħtieġa li dan il-qafas ikun kumplimentat b'forom oħra ta' assessjar partikolarment sistemi ta' *continuous assessment*.

10.2 Qafas ta' eżamijiet kumplimentat b'sistema adegwata ta' *continuous assessment* m'għandhom qatt jeskludu t-tisħiħ tas-sistema informali ta' assessjar formattiv fil-livell tal-klassi. Wara kollox huwa permezz ta' l-assessjar formattiv li, gradwalment u b'pass meqjus, l-istudenti jilħqu kemm jista` jkun l-oġġettivi tat-tagħlim. Għaldaqstant, is-sistema edukattiva għandha twassal sabiex l-għalliema jagħrfu dejjem aktar l-importanza ta' l-assessjar formattiv fl-iżvilupp ta' l-individwu. Biex dan isir b'mod effettiv jeħtieġ li l-għalliema jiġu mħarrġa u mogħtija r-riżorsi neċessarji f'dan it-tip ta' metodu ta' assessjar kemm fil-livell primarju u kemm dak sekondarju.

10.3 Fejn għandu x'jaqsam il-qasam ta' assessjar u ċertifikazzjoni għall-ħtiġijiet ta' edukazzjoni post-sekondarja u għolja, nagħrfu li diġà sar ħafna xogħol mill-MATSEC, kemm fit-tħejjijja ta' eżamijiet f`kull livell kif ukoll fiċ-ċertifikazzjoni. Huwa fatt, iżda, li l-MATSEC ilu jaffaċċja diversi problemi, l-aktar dawk ta' riżorsi umani u finanzjarji, li jeħtieġu attenzjoni immedjata. Ikun aħjar jekk, kif jiġri f`bosta pajjiżi Ewropej, il-MATSEC jevolvi f'istituzzjoni li tkun tgawdi minn indipendenza akbar mill-Università u minn entitajiet oħra. Din l-istituzzjoni l-ġdida ma tkunx biss responsabbli mill-eżamijiet tas-Sec u l-Matsec, imma jkollha responsabbiltà fuq l-eżamijiet kollha li jsiru f'pajjiżna, inkluż tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet u l-MCAST. Ikun assigurat li dan isir skond kriterji stabbiliti

u rikonoxxuti internazzjonalment, fosthom mill-Unjoni Ewropea.

10.4 Jeħtieġ li s-sistema nazzjonali ta` assessjar tkun ħielsa minn ħafna intoppi bla bżonn li minflok jinkoraġġixxu lill-istudeni biex ikomplu jistudjaw iservu biex jiffrustrawhom, jaqtagħlom qalbhom u jħarbtilhom il-progress tagħhom fl-istudji. Qed nirreferu għar-regoli tal-MATSEC li hemm bħalissa li jirregolaw kemm isiru *resits* u li kandidat irid iġib is-suġġetti tiegħu f'*sitting* wieħed. Din is-sitwazzjoni hemm bżonn li tiġi studjata mill-ġdid fl-interess ta  l-istudenti l-ewwel u qabel kollox.

10.5 Huwa mportanti li nibdew naħdmu b'mod effettiv sabiex f'pajjiżna jinbidel il-kunċett ta` l-eżamijiet. L-eżamijiet għandhom iservu mhux biex jindikaw l-inkompetenza ta` l-istudenti imma sabiex jagħtu opportunità lill-kandidati sabiex juru l-kapaċitajiet tagħhom.

## 11.0 Il-*Kindergarten* u s-Settur Primarju

11.1 Il-problema ta' l-illitteriżmu f'pajjiżna għadha magħna. Din hija sfida ewlenija li rridu naffrontaw u nirbħu. Ma jistax ikun, aktar u aktar fid-dinja li qed ngħixu fiha llum, li numru mhux żgħir ta' studenti joħorġu mis-sistema edukattiva tagħna mingħajr il-ħiliet bażiċi. Dak li jigri fl-ewwel snin ta' l-edukazzjoni jeffetwa lit-tfal, kemm b'mod pożittiv, kif ukoll b'mod negattiv. Għalhekk irridu nagħtu aktar attenzjoni u riżorsi biex din il-problema ta' l-illitteriżmu nirbħuha. Il-pedament tal-qasam edukattiv huwa s-settur tal-*kindergarten* u l-primarja u minn hemm irridu nibdew. Fl-aħħar mill-aħħar il-litteriżmu huwa fundamentali għas-suċċess li kulħadd jawgura li kull student ikollu. Fiż-żminijet tal-lum meta nitkellmu fuq litteriżmu nifhmu li l-persuna trid tkun taf taqra u tikteb tajjeb bil-Malti u l-Ingliż, tkun kapaċi fil-matematika, kif ukoll li tkun litterata fil-kompjuter. Kif jistqarr il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, il-litteriżmu huwa dritt tat-tfal kollha. Huwa dmir tagħna li nimpenjaw irwieħna sabiex dan id-dritt nagħtuhulhom.

11.2 Kulħadd jaqbel li x-xogħol fis-settur tal-*kindergarten* qed ikun ta` ġid għat-tfal u l-*kindergarten assistants* għandhom rwol importanti fis-settur edukattiv. Biss, issa tinħass il-ħtieġa li anke f`dan is-settur ikollna taħriġ aktar speċjalizzat fl-livell universitarju. Permezz ta' dan it-taħriġ it-tfal iż-żgħar jingħataw servizz aħjar u naslu għal sitwazzjoni fejn il-*kindergarten assistant* ikun magħruf bħala *kindergarten educator* bil-B.Ed. Naturalment il-*kindergarten assistants* preżenti jingħataw il-possibilità li jkomplu jitħarrġu.

11.3 Wasal iż-żmien, li, sabiex l-istudenti kollha jkunu mmaturaw aktar u aħjar, għandha tiddaħħal sena oħra bejn is-sentejn tal-*kindergarten* u l-ewwel sena tal-primarja. Din is-sena tkun magħrufa bħala *reception class* u sservi wkoll sabiex it-tfal jitħejjew aħjar għall-edukazzjoni fil-livell primarju. Din tkun sena ta' transizzjoni bejn il-*kindergarten* u dan il-livell. Fl-istess ħin li nagħmlu dan, ikun neċessarju li naraw li din ma` ġġibx piżijiet finanzjarji fuq il-familji Maltin u Għawdxin.

11.4 Waħda mill-issues l-aktar kontroversjali u li tolqot direttament is-settur primarju huwa

propju l-*istreaming*. Qabel xejn irridu nifhmu li l-qafas edukattiv qed jevolvi f'wieħed dejjem aktar inklussiv u, għaldaqstant, jeżisti konflitt bejn il-kunċett ta' *streaming* u edukazzjoni aktar inklussiva. Għalhekk, għandna nersqu lejn forom ta' assessjar fil-livell primarju li jneħħu il-pressjoni esaġerata minn fuq it-tfal. Biex isir dan għandu jkun ristrutturat kemm il-mod kif jorganizzaw ruħhom l-għalliema kif ukoll il-mod kif isir it-tagħlim fil-livell primarju. Għalhekk, jiġi introdott il-kunċett ta' *team teaching* fejn l-għalliema jgħallmu s-suġġett li huma speċjalizzati fih u nimmiraw li, sa fejn hu prattikkabli, ikun hemm għalliem(a) tax-xjenza, tal-ICT, tal-litteriżmu, tal-PE u tal-arti f'kull skola primarja. B'hekk, minbarra li t-tfal jirċievu tagħlim aħjar f'dawn is-suġġetti dan jippermetti li t-tfal ikunu jistgħu jiġu ssettjati fi gruppi skond il-*performance* tagħhom fil-*core subjects*, jigifieri fil-Malti, fl-Ingliż, fil-Matematika u fix-Xjenza b'mod li l-ebda grupp ma jkun fih aktar minn 25 student/a biex b`hekk jiġu mgħallma skond il-ħila u l-ħtieġa tagħhom f'kull wieħed minn dawn is-suġġetti partikolari. Fl-istess ħin, isiru l-isforzi kollha possibbli biex is-servizzi l-oħra kollha mogħtija minn għalliema peripatetiċi fl-iskejjel primarji jiġu msaħħa.

11.5 Hemm tħassib dwar il-kompetenzi tal-ġenerazzjonijiet li telgħin f'dak li għandu x` jaqsam mal-komunikazzjoni bl-Ingliż. It-tħassib mhux ġej mill-kamp edukattiv biss iżda anke mill-entitajiet kollha involuti fid-dinja tax-xogħol. Kull sforz li jrid isir sabiex ikollna titjib fil-kompetenzi fl-Ingliż tal-ġenerazzjonijiet li telgħin għandu jibda billi jiffoka fuq it-tagħlim ta' l-Ingliż fis-settur primarju. M'għandux ikun eskluż li l-għalliema tal-primarja nfushom ikunu esposti għal taħriġ u risorżi aktar moderni u aġġornati relevanti għat-tagħlim ta' l-Ingliż. Bl-istess mod għandu jsir kull sforz sabiex sa mill-livell primarju jkollna titjib fil-kompetenzi numeriċi tat-tfal tagħna. F`dan il-livell ukoll huwa meħtieġ li t-tagħlim tax-xjenza jsir parti importanti mit-tagħlim tat-tfal fil-primarji.

11.6 Mil-lat soċjali u edukattiv huwa meħtieġ li jkun hemm attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet emozzjonali, materjali, soċjali u fiżiċi, jiġifieri ta` saħħa. Dawn is-servizzi ta' għajnuna għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-istudenti f`dan il-livell għax ma nistgħux nifirdu l-iżvilupp intelletwali minn dawn l-aspetti msemmija. Biex dan ikun assigurat aktar se nimpenjaw ruħna li l-għadd ta' tfal fil-klassijiet primarji ma jaqbiżx il-25 tifel u tifla waqt li l-popolazzjoni kollha ta' kull skola primarja m`għandhiex taqbeż l-400 student. Barra minn hekk, dawn is-servizzi ta` appoġġ jistgħu jingħataw fl-iskola stess wara l-ħin uffiċjali ta` l-iskola. Din il-ħidma tista` ssir ma` dawk kollha interessati li joffru l-għajnuna tagħhom, mhux lanqas il-Kunsilli Lokali.

11.7 Filwaqt li l-inklużjoni fl-iskejjel ta` persuni li għandhom diżabilità għandha tkun il-politika mħaddma u addottata mill-eta` ta` tlett snin sa sittax-il sena, xorta jibqa` l-fatt li dan ma

jkunx jista` jseħħ f`kull ċirkustanza.

11.8 Għaldaqstant żgur li għad hemm lok għall-iskejjel speċjali li b`hekk ikunu jistgħu jagħtu l-aħjar attenzjoni, servizz edukattiv u soċjali possibli. Ikun importanti li jingħataw ir-riżorsi meħtieġa sabiex dawn l-istudenti jiżviluppaw ħiliet diversi bl-aħjar mod.

## 12.0 Is-Settur Sekondarju

12.1 Is-settur sekondarju għandu jkun sensittiv u relevanti għall-ħtiġijiet tat-tfal kollha, kemm għal dawk li jkollhom il-ħsieb ikomplu b`karriera akkademika kif ukoll dawk li jkollhom bixra għall-edukazzjoni aktar teknika u vokazzjonali. Dan is-settur, li jilqa` fih il-maġġoranza tat-tfal Maltin u Għawdxin irid, għalhekk, jiġi mgħejjun biex itejjeb il-kwalità ta' servizz edukattiv li joffri billi jevolvi u jiddiversifika ruħu ħalli jħejji lil dawn iż-żgħażagħ għall-isfidi li se jsibu quddiemhom fis-snin li ġejjin. Dan ifisser li l-iskejjel sekondarji, minbarra li jipprovdu bażi ta' edukazzjoni tajba f'oqsma jew suġġetti ta' natura akkademika biss, għandhom jipprovdu wkoll tagħlim f'oqsma tekniċi u vokazzjonali. Dan ifisser li l-kurrikulu sekondarju għandu jitwessa` u jagħmel emfażi fuq tagħlim prattiku (*learning by doing*) f'oqsma bħall-informatika, inġinerija bażika, *catering*, studji turistiċi, kostruzzjoni u biedja. B'hekk, l-edukazzjoni fil-livell sekondarju tkun relevanti wkoll għal dawk l-istudenti li għandhom ħiliet u ġibdiet vokazzjonali u tekniċi. Minbarra hekk, dan ikun inċentiv sabiex dawn l-istudenti ma joħorgux mis-sistema edukattiva minn kmieni anzi jkollhom bażi soda biex ikomplu bit-tagħlim tagħhom wara li jispiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja.

12.2 Riċentement il-qasam edukattiv ra l-iżvilupp ta' kunċett ġdid fil-mod ta' kif is-settur primarju u dak sekondarju jistgħu jiġu relatati flimkien permezz ta' sistema ta' *networks*. Għadu kmieni wisq sabiex ikun magħruf jekk sistema ta' dan it-tip fil-fatt issarrafx fil-ġid mixtieq. Iżda jidher, li wieħed mill-għanijiet aħħarin hu li jkollna qasam edukattiv aktar inklussiv billi titnaqqas il-ħtieġa ta' segregazzjoni fost it-tfal fl-età bikrija ta` ħdax-il-sena meta dawn jidħlu fiċ-ċiklu sekondarju. Qabel xejn, irridu naraw kif sistemi effettivi ta' *networking* jistgħu jkunu implimentati bl-aktar mod effiċjenti possibbli u mingħajr ma noħolqu sistemi burokratiċi u amministrattivi kumplessi li minnhom jistgħu jgawdu biss ftit individwi, iżda mhux l-istudenti kollha. Għaldaqstant, sabiex verament it-tfal kollha jirnexxu, il-mudell li fuqu għandu jevolvi l-kunċett ta' *networking* għandu jiffoka fuq il-ħtiġijiet tat-tfal u mhux sempliċiment is-saffi amministrattivi.

12.3 Is-settur sekondarju għandu jkun kontinwament aġġornat u f`kuntatt dirett ma` dak li

jkun qed iseħħ fid-dinja tax-xogħol. Ma jistax ikun li l-istudenti f`dan il-livell jieħdu deċiżjonijiet bikrin jew mhux infurmati biżżejjed fil-kuntest ta' dak li jkun qed jevolvi fil-qasam tax-xogħol. Għaldaqstant, l-għalliema kollha kif ukoll il-*guidance teachers* fl-iskejjel sekondarji għandhom rwol importanti x`jaqdu f`dan ir-rigward. Dan billi l-isforzi li diġà qed isiru f dan il-qasam għandhom ikunu kkonsolidati aħjar permezz ta' rabtiet aktar b`saħħithom bejn l-iskejjel infushom, l-istituzzjonijiet edukattivi ogħla u d-dinja tax-xogħol. *Guidance* aħjar fil-livell sekondarju għandu jgħin lill-istudenti jagħmlu għażliet aktar maturi u bi ħsieb fil-livell post-sekondarju jew ta` edukazzjoni ogħla. B`hekk tonqos l-inċidenza li nsibu fil-preżent fejn numru ta` studenti, wara l-ewwel sena fil-Junior College, jispiċċaw li jbiddlu s-suġġett/i magħżula fl-ewwel sena.

12.4 Jeħtieġ nirrikonoxxu li qed ngħixu fi żmien fejn jeżisti tħassib serju, speċjalment fost il-ġenituri, dwar problemi bħalma huma dawk ta' l-abbuż ta' drogi u alkoħol, u anke valuri sesswali. Dawk kollha involuti fl-immaniġjar tas-settur sekondarju għandhom jaraw li l-iskejjel ikollhom l-aqwa kuntatt ma` dawk l-aġenziji kollha li jipprovdu servizzi relatati ma` dawn it-tip ta' problemi soċjali li jolqtu b`mod partikolari lit-tfal ta' din l-età. L-iskejjel infushom għandhom ikunu mezz ewlieni sabiex dawn l-aġenziji jkunu f'qagħda fejn iwasslu l-messaġġ tagħhom bl-aktar mod effettiv u, fejn meħtieġ, jipprovdu l-għajnuna immedjata tagħhom. Dan jista` jsir ukoll permezz ta' professjonisti oħra.

12.5 Biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu javvanzaw 'il quddiem fuq l-istess pedamenti li jkunu bdew fil-livell primarju, irid ikun assigurat kemm li s-sistema ta' assessjar kontinwu kif ukoll is-sistema ta' *setting* li qed nipproponu f'para. 11.4 jitkomplew ukoll fl-iskejjel sekondarji. Dan jippermetti li l-istudenti jkomplu jitgħallmu skond il-ħila u l-pass tagħhom u li jkompli jinbena l-profil ta' kull student u studenta. Bl-istess mod, biex jintlaħaq l-għan ta' edukazzjoni ħolisitka Gvern Laburista jara li jigu pprovduti l-aqwa faċilitajiet biex dawn l-istudenti jkollhom ukoll aċċess għal edukazzjoni li tifforma l-karattru tagħhom permezz ta' l-isport, l-arti, il-mużika u d-drama.

## 13.0 L-Edukazzjoni Teknika u Vokazzjonali

13.1 F'pajjiżna jrid ikun hawn rikonoxximent ħafna akbar għall-edukazzjoni teknika u vokazzjonali magħrufa bħala VET (*Vocational Education and Training*), li matul dawn l-aħħar snin qed jingħata importanza dejjem akbar ukoll f'livell Ewropew. Pajjiżna jeħtieġ qafas edukattiv li joffri programmi vokazzjonali u tekniċi li mhux biss jirrispondu għall-ħtiġijiet li jevolvu kontinwament fid-dinja tax-xogħol, imma wkoll li dawn il-programmi jkunu ta' l-ogħla livell u l-aqwa kwalità.

13.2 Huwa meħtieġ kemm li l-MCAST ikun aktar miftuħ u aċċessibbli għal firxa aktar wiesa` ta' studenti, kemm jekk ikollhom impjieg u kemm jekk le kif ukoll li jżid l-għażla ta' korsijiet ta' taħriġ f'oqsma oħra vokazzjonali u tekniċi. Għal dan il-għan għandu jkun hemm sistema li tiffaċilità u tirrikonoxxi kemm l-esperjenza kif ukoll forom ta' taħriġ li wieħed iġib miegħu dik li tissejjaħ *Acceditation of Prior Learning*.

13.3 L-istituzzjoni ta' l-MCAST għandha tkun sensittiva ħafna għaċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet li jkunu qed jevolvu fid-dinja tax-xogħol minn żmien għal żmien. Dan l-aktar permezz ta` żewġ modi: l-ewwel billi l-MCAST jevolvi f`istituzzjoni li tkun toffri diversità wiesgħa ta' korsijiet ta' taħriġ f`kull ħin tal-ġurnata (simili ħafna għall-kunċett ta' *night college*); it-tieni billi jkun hemm l-aqwa relazzjonijiet bejn din l-istituzzjoni edukattiva u min iħaddem sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' taħriġ relevanti għar-realtajiet tagħhom. Irridu nifhmu li, fid-dinja tal-lum, dawn ir-realtajiet faċilment jirrikkjedu li l-ħaddiema mhux biss ikunu aktar kompetenti fix-xogħol tagħhom, imma wkoll ikollhom flessibilità akbar fl-*employability* tagħhom. Fil-Bord tal-Gvernaturi ta` l-MCAST għandu jkun hemm ukoll rappreżentant wieħed tat-Trade Unions, li jkun magħżul minn fost il-unions ta` pajjiżna.

13.4 Fil-preżent teżisti problema għal studenti li qed isegwu xi kors fl-MCAST fejn hemm element ta` apprentistat, b`referenza partikolari għat-TAS u l-ESTS. Kemm l-MCAST kif ukoll l-ETC għandhom jagħmlu l-almu kollu tagħhom sabiex dawn l-istudenti jsibu min jimpjegahom bħala parti mill-istudju tagħhom. Is-settur privat minn naħa tiegħu għandu

wkoll ifittex li jassorbi dawn l-istudenti li għada pitgħada jistgħu, mhux biss jagħtu kontribut lil-pajjiż inġenerali, imma anke lill-istess ażjendi.

Il-Gvern, kemm bħala *employer*, kif ukoll bħala dak li jkun ġie fdat bit-tmexxija tal-pajjiż, għandu jkun ta` sostenn sabiex l-għan ta  apprentistat hekk kif imsemmi aktar qabel jintlaħaq.

13.5 Pajjiżna jeħtieġ li l-MCAST jevolvi fl-aqwa istituzzjoni edukattiva vokazzjonali possibbli. Irridu nimmiraw għal qafas edukattiv fejn l-MCAST u l-Università ta' Malta jkunu sħab indaqs fejn mhux biss jaħdmu f'sinerġija ma` xulxin, imma jkun hemm ko-ordinazzjoni sħiħa fit-twettiq tal-programmi vokazzjonali u akkademiċi. Għalkemm dawn iż-żewġ istituzzjonijiet għandhom rwoli kemmxejn differenti f`termini tat-tip ta' programmi edukattivi li joffru, dawn ir-rwoli huma fuq kollox komplimentari u għaldaqstant jagħmel aktar sens jekk dawn it-tnejn jaħdmu id f'id. Bħala l-ewwel pass, iż-żewġ istituzzjonijiet edukattivi għandhom jirrikonoxxu il-kwalifiki rispettivi tagħhom. Dan jagħmilha aktar faċli sabiex l-istudenti jiċċaqalqu minn istituzzjoni għall-oħra.

13.6 Jeħtieġ li nirrikonoxxu li l-MCAST għandu bżonn urġenti ta' riżorsi, kemm umani kif ukoll materjali u finanzjarji. Huwa biss jekk din il-ħtieġa tkun indirizzata mill-aktar fis possibbli u bl-aktar mod effiċjenti li pajjiżna jista` jaspira għal kwalità aħjar ta' edukazzjoni vokazzjonali u teknika. Barra minn dan, dan il-kulleġġ għandu mhux biss jaqdi l-funzjoni ta' istituzzjoni post-sekondarja imma għandu jevolvi f'istituzzjoni terzjarja. Hija l-mira tagħna li jikber in-numru ta' studenti kemm ġuvintur u kemm tfajliet, kif ukoll li jikber l-ambjent fiżiku sabiex jilqa` lill-istudenti kollha li jkunu mħajra jkomplu bl-istudju tagħhom f'dan il-kulleġġ. Ikun meħtieġ ukoll li jissaħħu l-*foundation courses* sabiex jgħin lil studenti jiksbu ħiliet bażiċi.

13.7 Sabiex l-MCAST verament ikun miftuħ għal kulħadd, din l-istituzzjoni għandha tkun sensittiva għal diversità sħiħa ta` ħtiġijiet li kull persuna li tkun qed tfittex xi forma ta' taħriġ jista` jkollha. Dan ifisser li l-MCAST, f'kollaborazzjoni sħiħa ma` l-ETC, għandu joffri ukoll opportunitajiet ta' tagħlim li jwasslu għal titjib fil-kompetenzi bażiċi. Dan jista` jsir permezz ta' aktar investiment u tisħiħ fil-*Basic Skills and Learning Support Unit* li diġà huwa stabbilit. Apparti minn din il-funzjoni, dan il-*unit* għandu jservi bħala mezz ta' appoġġ u sosteniment għal studenti b'diżabilità li jinagħqdu fil-kulleġġ.

13.8 Meta wieħed iqis l-importanza li għandu s-settur turistiku għall-ekonomija ta' pajjiżna, wieħed malajr jirrealiżża li istituzzjoni li toffri taħriġ vokazzjonali f'dan is-settur bħalma hu l-*Institute for Tourism Studies* (ITS) jeħtieġ l-aqwa appoġġ u tisħiħ. Ix-xogħol li sar f'din

l-istituzzjoni matul is-snin kien fundamentali għall-provediment ta' servizzi indispensabbli fis-settur turistiku. Issa wasal iż-żmien li r-rwol ta' dan l-istitut jevolvi bl-aqwa mod fil-kuntest tat-tisħiħ ta' l-MCAST. Wara kollox, żgur li ma jagħmilx sens li l-edukazzjoni vokazzjonali relatata mas-settur turistiku tibqa` iżolata u ma tgawdix mill-investiment u r-riżorsi li tant teħtieġ. Dan filwaqt li l-ITS jibqa  jżomm l-awtonomija u l-flessibilità tiegħu, kif ukoll il-kuntatti tant meħtieġa ma` l-industrija tat-turiżmu.

13.9 It-tisħiħ tas-servizzi fl-edukazzjoni vokazzjonali jirrikkjedi li istituzzjoni tal-kalibru ta' l-MCAST tkun toffri ukoll l-aqwa servizzi ta' *Vocational Guidance and Counselling*. Għaldaqstant, l-iskejjel sekondarji kollha għandhom joperaw f'sinerġija sħiħa ma` l-MCAST bil-għan li, sa minn età  żgħira, l-istudenti jsiru aktar konxji ta' l-opportunitajiet li l-edukazzjoni vokazzjonali tista` toffrilhom. M`hemmx dubju li l-*Vocational Guidance and Counselling Unit* ta' l-MCAST għandu jgawdi minn faċilitatjiet u riżorsi li jippermettu l-aqwa informazzjoni dwar ir-realtajiet fid-dinja tax-xogħol lill-istudenti. Dan kemm fil-kuntest lokali kif ukoll f'livell internazzjonali, partikolarment fl-Ewropa.

13.10 Sabiex l-MCAST jilħaq dawn l-għanijet kollha hu meħtieġ li jkun hemm taħriġ kontinwu tal-għalliema kollha li jgħallmu f'din l-istituzzjoni kemm permezz ta' korsijiet apposta u kemm permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ prattiku perjodiċi fl-industrija biex ikunu jistgħu jaġġornaw ruħhom mal-bidliet fid-dinja tax-xogħol. Barra minn hekk, fl-MCAST, bħal istituzzjonijiet edukattivi oħra, għandu jiġi evalwat regolarment it-tagħlim li jingħata biex ikun assigurat li dan ikun ta' l-ogħla kwalità. U dan dejjem skond standards u kriterji internazzjonali, speċjalment dawk tal-UE.

## 14.0 Is-Settur Post-Sekondarju

14.1 Għalkemm tul is-snin l-istituzzjonijiet post-sekondarji kellhom żieda fl-għadd ta` studenti, meta mqabbel ma` pajjiżi oħra fl-UE u l-EEA, pajjiżna għandu l-anqas rata ta` żgħażagħ li jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom f'dan il-livell. Għalhekk għandha tkun mira ewlenija li, f'konformità ma' l-aġenda ta` Lisbona, aktar studenti jkomplu jistudjaw ukoll meta jtemmu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom, billi nibqgħu nisħqu u npoġġu fir-realtà l-kunċett tat-tagħlim tul il-ħajja u l-importanza tiegħu f'soċjetà li dejjem qiegħda titgħallem (*learning society*). Il-publikazzjoni tar-Rapport Chalmers, jew aħjar *State Higher Education Funding* (2004), jikkonferma kemm l-istituzzjonijiet edukattivi fil-livell post sekondarju qegħdin jaffaċċjaw sitwazzjoni diffiċli ħafna biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet preżenti. Ir-rapport jikkonferma li l-politika għall-edukazzjoni post-sekondarja li addotta pajjiżna matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena ma kenitx koordinata tajjeb biżżejjed ma` politika ekonomika li tagħti lok għal żvilupp materjali adegwat tant meħtieġ f`dan is-settur. Dan ifisser li filwaqt li rajna żidiet fin-numru ta` studenti, ma kienx hemm biżżejjed investiment f`termini ta` faċilitajiet, strutturi bħal bini u l-manteniment tiegħu, kif ukoll riżorsi finanzjarji - sabiex is-settur post-sekondarju jkun jista` jilqa` għal din id-domanda.

14.2 Matul dawn l-aħħar snin, is-settur post-sekondarju għadda minn bosta taqlib. Fl-1995, beda jopera l-Junior College u sar parti mill-Università ta' Malta. Dan kien akkumpanjat minn riforma fl-istruttura tal-kwalifiki neċessarji għad-dħul fl-Università. L-iżviluppi fis-settur post-sekondarju ġabu magħhom ukoll evoluzzjoni mgħaġġla fir-rwol u s-servizzi offruti mill-Giovanni Curmi Higher Secondary School, li llum stabilixxiet ruħha bħala *Sixth Form* oħra fil-pajjiż. Wasal iż-żmien, għalhekk, li ssir evalwazzjoni sħiħa tas-servizzi offruti fil-livell post-sekondarju tal-qasam edukattiv ta' pajjiżna. Anki fil-qasam post-sekondarju, l-iskejjel statali għandhom joffru l-aqwa servizz u dan għandu jkun prinċipju gwida anke f'dan is-settur partikolari. Is-*Sixth Forms* għandhom ikunu meqjusa bħala estensjoni naturali ta' l-edukazzjoni sekondarja u mhux il-bidu ta' l-edukazzjoni terzjarja. Apparti minn hekk jeħtieġ li jkollna istituzzjonijiet post-sekondarji li joffru element ta' flessibilità, mhux sempliċiment jillimitaw irwieħhom biex iwasslu

l-istudenti għad-dħul fl-Università. Sa ċertu punt, ir-rwol li addottat il-Giovanni Curmi Higher Secondary School fil-provediment ta' firxa aktar wiesgħa ta' korsijiet apparti dak intiż għad-dħul fl-Università, għandu jkun ikkunsidrat biex iservi ta' mudell għall-evoluzzjoni futura tas-settur. Dan bl-ebda mod ma jnaqqas mix-xogħol siewi li qed isir fil-Junior College, u dan anke f'ċirkustanzi diffiċli. Apparti minn dan, ma jagħmilx sens li jkollna istituzzjoni post-sekondarja waħda li tħaddan fiha tant eluf ta' studenti f'post wieħed speċjalment meta wieħed iqis li dan inevitabbilment isarraf f'iffullar żejjed kif ukoll f`numri esaġerati ta' studenti fil-klassijiet.

14.3 F'dan il-kuntest, meta wieħed iqis ir-rata li biha qed tikber id-domanda u l-ħtieġa għat-tagħlim f`dan il-livell, is-settur post-sekondarju statali għandu joffri s-servizzi edukattivi abbażi reġjonali. Għalhekk, apparti s-*Sixth Form* t'Għawdex, il-Junior College, u l-Giovanni Curmi Higher Secondary, f'Malta għandha titwaqqaf mill-anqas istituzzjoni oħra li sservi bħala *Sixth Form* reġjonali. Dawn l-istituzzjonijiet post-sekondarji għandhom joffru firxa wiesgħa ta' suġġetti normalment offruti fis-*Sixth Form*, mingħajr, iżda, ma jillimtaw ruħhom biss għal dak speċifikament iddisinjat għad-dħul fl-Università. Dan ifisser li, fuq il-mudell tal- Giovanni Curmi Higher Secondary, dawn is-*Sixth Forms* għandhom jipprovdu wkoll it-tieni opportunità lill-istudenti biex jistudjaw għas-SEC u l-livelli l-oħra aktar avvanzati. Qafas ta' dan it-tip ikun koerenti mal-ħtieġa ta' flessibilità akbar kemm fil-kuntest tal-ħtiġijiet ta' l-istudenti kif ukoll fir-rigward ta' *respons* aktar effettiv mill-istituzzjonijiet infushom fir-rigward tad-domanda fid-dinja tax-xogħol. Vantaġġ ieħor li toffri sistema bħal din hu li n-numru ta' studenti f'kull *Sixth Form* statali jkun aktar aċċettabbli u maneġġabbli.

14.4 Ir-rwol tas-*Sixth Form* kif qed ikun propost m'għandux jevolvi b`mod distakkat mir-rwol ta' l-MCAST. Il-komponent akkademiku offrut fis-*Sixth Forms* u dak vokazzjonali ta' l-MCAST jikkumplimentaw lil xulxin. Għaldaqstant, is-*Sixth Forms* infushom għandhom iservu wkoll ta' *feeder schools* għall-MCAST, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-MCAST għandu, eventwalment, joffri aktar korsijiet u taħriġ f'livell terzjarju. Politika edukattiva għas-settur post-sekondarju għandha tqis l-importanza u l-ħtieġa li jkun hemm sinerġija sħiħa bejn is-*Sixth Forms* hemm statali u dawk privati u l-MCAST.

14.5 L-istipendji fis-settur post-sekondarju għandhom jibqgħu, kemm minħabba raġunijiet soċjali kif ukoll sabiex ikun hemm inċentiv għall-individwu biex ikompli bl-istudji tiegħu.

14.6 Wasal iż-żmien li s-sistema ta' eżamijiet li twassal għad-dħul fl-Università tkun evalwata tajjeb. Din ir-reviżjoni għandha ssir fil-kuntest tal-ħtiġijiet akkademiċi ta' l-istudent u mingħajr ma tħarbat l-andament tal-kors fil-livell post-sekondarju. Filwaqt li nħossu li

s-sistema preżenti, ċioe` dik li l-eżamijiet isiru kollha f'daqqa wara li tispiċċa t-tieni sena tas-*sixth form*, għandha tibqa`, nemmnu wkoll li s-suġġett tas-*Systems of Knowledge* m'għandux jibqa` eżaminabbli u allura suġġett essenzjali għad-dħul fl-Università. Dan is-suġġett ta' l-Oqsma ta' Għerf għandu jiġi ridimensjonat u mibdul fis-sens li l-istudenti xorta waħda jibqa` jkollhom dan is-suġġett b'kontenut ġenerali tas-sillabu preżenti, kif ukoll b`laqta komunitarja. Xorta waħda jibqa` l-obbligu għall-istudenti kollha li jattendu l-lezzjonijiet ta' dan is-suġġett, li parti mill-għanijiet il-ġodda tiegħu għandhom ikunu sabiex jagħti ħiliet u responsabbiltajiet lill-ġuvintur u xebbiet li jkunu qed ikomplu l-edukazzjoni post-sekondarja tagħhom. Iżda, minbarra l-obbligu ta` attendenza, l-istudenti għandhom jiġu mitluba jissottomettu *dissertation* raġonevoli li tkun tiġbor fiha dak li jkun sar matul il-lezzjonijiet ta` l-Oqsma ta` l-Għerf.

14.7 L-istudenti li jitolbu revizjoni tal-karta ta' l-eżami għandhom ikollhom id-dritt li jaraw il-karta tagħhom. Dan għandu japplika kemm għall-istudenti li jagħmlu l-eżamijiet fil-livell tas-SEC kif ukoll fil-livell tal-MATSEC. Il-ħlas għar-reviżjoni tal-karta għandu jkun wieħed raġonevoli u mhux jintalab ħlas esaġerat.

## 15.0 L-Edukazzjoni Terzjarja

15.1 Is-settur terzjarju għandu rwol importanti ħafna fil-qasam edukattiv, l-aktar minħabba l-fatt li huwa dan is-settur li jixpruna l-biċċa l-kbira tal-professjonisti meħtieġa għad-dinja tax-xogħol. Iż-żieda fin-numru ta' studenti li laqgħet fi ħdanha l-Università ta' Malta matul dawn l-aħħar snin jista` jitqies bħala fattur pożittiv, l-aktar minn perspettiva edukattiva. Iżda jibqa` l-fatt, li t-tkabbir fin-numru ta' studenti fil-livell terzjarju ġab miegħu problemi u sfidi ġodda. Esperti fis-settur illum qed isostnu li teżisti theddida serja għall-kwalità ta' edukazzjoni mogħtija fl-Università. Jeżisti wkoll tħassib serju relatat mal-fatt li r-riżorsi umani, materjali u finanzjarji li għandha l-Università żgur li m'humiex biżżejjed biex tlaħħaq mas-sitwazzjoni kif zviluppat matul dawn l-aħħar snin. Irridu nirrikonoxxu wkoll li għas-snin li ġejjin ser ikollna żieda sostanzjali fid-domanda għall-edukazzjoni terzjarja.

15.2 Iżda qabel xejn, huwa meħtieg li jkollna vizjoni ċara ta' x tip ta' università rridu. Nemmnu li univesità li tiffoka biss fuq it-tagħlim (*teaching university*) mhux se timxi wisq 'l quddiem. Hemm bżonn li jkollna università li, minbarra li tkun tajba fit-tagħlim, jkollha qasam tar-riċerka msaħħaħ. Ikun zball jekk nifirdu r-riċerka u t-tagħlim. Għalhekk biex l-Università tagħna tkun università tajba fit-tagħlim u fir-riċerka huwa neċessarju li nsaħħu l-istrutturi preżenti. Il-fakultajiet, id-dipartimenti u l-istituti kollha għandhom ikunu benefiċjarji netti ta' politika bħal din li, wara kollox, timplika wkoll li jkun hemm awditjar kontinwu u aktar kontabilità f`din l-istituzzjoni. Minħabba li numru sostanzjali li jaqbez in-nofs, huma *lecturers part-time* għandu jkun hemm aktar kontabilità u responsabilità ħalli dawn jattendu fil-ħin u b`mod regolari sabiex jagħtu l-*lecture* li jkunu qed jitħallsu għalih. Filwaqt li nifhmu l-ħtieġa li jkollok *lecturers part-time*, mill-banda l-oħra ġaladarba dawn ikunu daħlu għal dan l-impenn minbarra x-xogħol professjonali tagħhom, għandhom jiddedikaw il-ħin meħtieġ li kien intalab mit-tmexxija ta` l-Universita`. Dan għandu jsarraf f`titjib fil-kwalità ta` l-edukazzjoni terzjarja. Anke sabiex jintlaħaq l-għan li jkun hemm titjib fil-kwalità tat-tagħlim mogħti, in-numru ta` studenti universitarji fil-klassijiet għandu jkun wieħed ragonevoli u mhux esagerat kif qed jiġri fil-preżent f`ċertu korsijiet. Għal dan il-għan, nimpenjaw rwieħna

biex il-problema ta` l-iffullar waqt il-korsijiet tispiċċa. Anke hawn, qabel kull kunsiderazzjoni oħra għandu jiġi l-ewwel u qabel kollox l-interess ta  l-istudenti.

15.3 Barra minn dan, irid ikun hemm fondi li jmorru b`mod dirett għar-riċerka, kif ukoll sabiex isir l-investiment meħtieġ fil-librerija u fil-laboratorji. Flimkien ma` dan kollu huwa meħtieġ li jingħata t-taħriġ neċessarju lil dawk konċernati. Irridu Università li tkun aktar aċċessibli għal numru akbar ta` studenti anke dawk li trabbew b`attitudni li ġġagħlhom jaħsbu li l-edukazzjoni terzjarja mhix ħaġa li tgħodd għalihom. Dan irid isir, anke fid-dawl taċ-*charter* ta` Bolonja, li tiegħu l-Università ta` Malta hija firmatarja, imma fl-istess ħin mingħajr ma nbaxxu l-livell ta` edukazzjoni li tingħata mill-Università.

15.4 Filwaqt li huwa tajjeb li jkollna numru akbar ta` gradwati, dawn jeħtieġ li jsibu suq tax-xogħol li joffri l-akbar numru ta` opportunitajiet u inċentivi. Sfortunatament diġà qed ikollna ħafna każi ta` gradwati li jew idumu ħafna sakemm jidħlu fid-dinja tax-xogħol, jew inkella jħossu li t-taħriġ universitarju tagħhom ftit li xejn ikun relevanti għat-tip ta` xogħol li jkunu qed jagħmlu. Dan jirrimarkaw dwaru wkoll bosta negozjanti u imprendituri. Huwa meħtieġ li l-istudenti universitarji jkollhom esperjenzi u kuntatt mad-dinja tax-xogħol, ħalli l-qabża bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol ma tkunx daqshekk kbira. Huwa mixtieq li jkun hemm aktar *support* u ħidma mill-qrib bejn l-Università u l-Industrija. Din il-forma ta` kooperazzjoni tkun ta` vantaġġ għal kulħadd, inkluż l-istudenti Universitarji nfushom. Dan għaliex ikun aktar possibli li huma jsibu xogħol għaż-żmien tas-sajf li anke jkun jista` jgħinhom fl-istudji li jkunu qed jagħmlu. Barra minn dan, l-Università tista` tattira fondi addizzjonali meta l-industrija tkun lesta li tagħti l-appoġġ tagħha kull darba li jkollha bżonn servizzi li tista` tagħtihom l-Università ta` Malta. Għal dan il-għan, Gvern Laburista jkun lest li jagħti inċentivi fiskali lil dawk l-industriji li jkunu lesti jagħmlu dan jew xi ħidma oħra li tkun ta` vantaġġ għaż-żewġ naħat.

15.5 L-Università ta` Malta m`għandha tkun qatt entità edukattiva iżolata li sempliċiment tħarreġ l-individwu għal xogħol ta` natura professjonali. Pjuttost huwa l-każ li, illum aktar minn qabel, l-Università ta` Malta jeħtieġ li jkollha kuntatt dirett u kontinwu ma` dawk l-entitajiet kollha li jipprovdu x-xogħol. Jeħtieġ li din l-istituzzjoni edukattiva ta` pajjiżna tkun aktar sensittiva u proattiva fil-konfront ta` l-iżviluppi li jevolvu fid-dinja tax-xogħol. Dan għandu jippermetti lill-Università ta` Malta sabiex, apparti milli tkompli tibbenefika mill-fondi pubbliċi kif jixraq lil università nazzjonali, din tkun tista` wkoll issaħħaħ ir-rwol tagħha ta` istituzzjoni li tiġġenera l-fondi.

15.6 Bħalma minn dejjem kien, il-Partit Laburista huwa mpenjat biex jassigura u jkabbar l-aċċess għall-Università għall-akbar numru possibbli ta` studenti. Għalhekk, l-impenn

ta` Gvern Laburista ġdid ikun li tibqa` tinżamm is-sistema ta` l-istipendji.

15.7 Sabiex tkun garantita t-trasparenza u jitneħħew suspetti li ġieli nisimgħu dwarhom, studenti li jitolbu reviżjoni tal-karta għandu jkollhom id-dritt li jaraw il-karta. Barra minn dan meta ssir ir-reviżjoni tal-karta, sakemm huwa possibli, m`ghandux ikun l-istess persuna li jerġa`  jara l-karta, imma għandha tkun persuna oħra.

15.8 Is-sħubija ta` Malta fl-Unjoni Ewropea suppost qed tagħmilha aktar aċċessibbli għal studenti Maltin sabiex dawn ikomplu l-istudji tagħhom ma` universitajiet barranin. Iżda r-realtà hija, li sħubija fl-UE ma tfissirx li min jixtieq ikompli bl-istudji tiegħu f`xi pajjiz membru jiġi eżentat milli jħallas miżati fejn hemm jew fejn joqgħod u għall-ħajja ta` kuljum. Għaldaqstant, Gvern Laburista, bħalma diġà kien wiegħed, iwaqqaf fond ta` miljun Lira Maltija biex, bi kriterji ċari stabbiliti minn qabel u trasparenti, jiġu mgħejjuna dawk l-individwi li jiġu aċċettati biex ikomplu bl-istudji *post-graduate* tagħhom f`xi universitàf xi wieħed mill-pajjiżi membri tal-UE. Għandha tingħata preferenza lil oqsma u suġġetti fejn ma jkunx hawn speċjalizazzjoni fihom hawn Malta.

15.9 Is-settur terzjarju fil-qasam edukattiv huwa wieħed li qiegħed jinfetaħ dejjem aktar. Illum universitajiet barranin diġà qed joffru servizzi lil bosta studenti Maltin li qegħdin isegwu korsijiet ta` studji universitarji ma` dawn l-istituzzjonijiet permezz ta` *distance learning* u *on line learning*. L-Università ta` Malta għandha tilqa` għal din il-kompetizzjoni billi tidħol f`niċeċ ta` tagħlim u riċkerka fejn diġà għandha reputazzjoni tajba ħalli b`hekk tattira lejn xtutna studenti barranin, preferibbilment barra mill-UE, li jkunu jistgħu isiru sors ta` dħul finanzjajru għall-istess Università ta` Malta. Fl-istess waqt għandu jkun hemm spazju biex joperaw f`pajjiżna entitajiet edukattivi terzjarji oħra, basta dawn ikunu regolati u ta` livell xieraq.

## 16.0 L-Edukazzjoni Xjentifika

16.1 Pajjiżna għad għandu ħafna x`jagħmel biex ikollu edukazzjoni fix-xjenza u fit-teknoloġija aċċettabbli għas-seklu wieħed u għoxrin. Dan kemm biex wieħed ikollu edukazzjoni bażika meħtieġa għall-edukazzjoni tul il-ħajja, kif ukoll biex nattiraw investiment fl-industrija tal-farmaċewtika, mediċina dijanjostika u bioteknoloġija, fost l-oħrajn. In-numru ta' gradwati fix-xjenza għal kull elf ruħ fl-etajiet ta' bejn l-20 u d-29 hu l-anqas fl-UE, għaldaqstant pajjiżna hemm bżonn li jilħaq l-oġġettivi ta' Lisbona biex ikun hemm żieda ta' mill-anqas 15% ta' gradwati fil-matematika, fix-xjenza u t-teknoloġija. Għaldaqstant, it-tagħlim xjentifiku jingħata prijorità mill-awtoritajiet edukattivi.

16.2 Hemm ħtieġa ta' riforma fit-tagħlim tax-xjenza fil-livell primarju. Fil-preżent hemm nuqqasijiet serji f'dan il-livell, biex ma ngħidux li hemm każijiet fejn ix-xjenza tingħata l-ġenb għal kollox. Din il-prattika trid tinbidel u x-xjenza titqies importanti daqs is-suġġetti l-oħra. Għalhekk, waqt li, kif stqarrejna aktar 'il fuq (Para. 11.4), il-mira aħħarija ta' Gvern Laburista hija li, fost oħrajn, ikun hemm għalliema speċjalizzati fix-xjenza li jgħallmu fl-iskejjel primarji, sakemm jintlaħaq dan l-għan l-għalliema fl-iskejjel primarji jingħataw taħriġ biex ikunu jistgħu b'mod effettiv iwettqu l-programmi ta' tagħlim xjentifiku u teknoloġiku. Fl-istess waqt, il-Fakultà ta' Edukazzjoni tintalab biex tinkludi l-pedagoġija tat-tagħlim tax-xjenza fil-livell primarju kemm fil-kors tal-B.Ed (*Primary*) u kif ukoll għal dawk l-istudenti li jagħżlu x-xjenza bħala suġġett ewlieni fil-kors tal-B. Ed (Hons).

16.3 Tkun finanzjata riċerka biex ikunu evalwati u mwettqa metodi moderni u effettivi bħal ta` pajjiżi oħra, partikolarment dawk li għandhom storja ta' suċċess f'dan il-qasam. L-iskejjel jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex jitwettaq tagħlim effettiv fix-xjenza u fit-teknoloġija. Barra minn dan, trid titneħħa l-impressjoni li x-xjenzi huma suġġetti diffiċli u li għandhom jagħżluhom biss l-istudenti li jġibu marki għolja fis-suġġetti l-oħra. Dan jinbidel jekk u meta l-istudenti jkollhom esperjenzi sbieħ fil-primarja u fl-ewwel sentejn tas-sekondarja.

16.4 Gvern Laburista jwiegħed li jikkonsolida it-tagħlim tax-Xjenza fil-livell Sekondarju b'mod

li, filwaqt li jiżgura li kull student ikollu livell adegwat ta' għarfien xjentifiku, joħloq opportunitajiet għal dawk kollha li jixtiequ jispeċjalizzaw fl-oqsma diversi tax-xjenza. Inħossu li l-komunità edukattiva tħalliet wisq fil-limbu dwar ir-riforma proposta mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali dwar ix-Xjenza Ko-ordinata (*Co-ordinated Science*). Gvern Laburista jwiegħed li jitratta u jirrisolvi din il-kwistjoni bis-serjetà bis-sehem sħiħ ta' esperti fis-suġġett u l-esperjenza professjonali ta' l-għalliema.

16.5 Hu meħtieġ li dawn is-suġġetti jkunu mgħallma b`metodi moderni, inkluż bl-użu ta' l-informatika u b'mod li jagħmilhom interessanti u divertenti. Irid isir investiment sostanzjali biex il-laboratorji jittejbu u jkunu mgħammra u disinjati għall-ħtiġijiet tal-lum u għada. Għalhekk, irid ikun hemm apparat modern u teknoloġija kompjuterizzata li joffru esperjenzi validi fid-dinja tal-lum. Biex dan kollu jseħħ u jirnexxi jrid ikun hemm struttura ċentrali li tagħti l-appoġġ u s-servizzi meħtieġa.

16.6 Fil-livell post-sekondarju ninkoraġġixxu aktar studenti biex jagħżlu karriera fix-xjenza u fit-teknoloġija ħalli f'pajjiżna jkollna dak meħtieġ u aktar. F'dan ir-rigward ukoll tingħata attenzjoni partikolari ħalli jkun hemm bilanċ bejn iż-żewġ sessi. Ninkoraġġixxu l-istudenti billi jingħata inċentiv billi tingħata għajnuna għall-kotba u riżorsi minħabba l-ispejjeż għolja f'dan il-qasam. Tingħata l-opportunità li s-suġġett ta' l-*Environmental Science* jittieħed ukoll fil-livell avvazat. F`dan il-qasam naraw li r-riżorsi, fosthom il-laboratorji jinżammu aġġornati ma` l-aħħar teknoloġija.

16.7 Fil-livell terzjarju titkompla l-politika ta' inċentivi mibdija fil-qasam post-sekondarju, kif isemma` aktar qabel. Ninkoraġġixxu studenti mill-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija sabiex ikomplu l-istudji tagħhom fil-livell ta' *masters* u dottorat. Għal dan il-għan jitwaqqaf fond speċjali għal studji fil-livell ta' *masters* u dottorat għall-qasam ta' l-edukazzjoni xjentifika u teknoloġika.

16.8 Jingħataw l-fondi meħtieġa għar-riċerka u jsir kull sforz biex jintużaw fondi tal-UE li hemm u jista` jkun hemm għar-riċerka. Ikun imħeġġeġ sehem akbar min-naħa ta' l-industrija tal-manifattura u tas-servizzi. Ikun hemm diversifikazzjoni fl-ispeċjalizzazjoni tal-korsijiet u skambju frekwenti ma' istituzzjonijiet edukattivi ewlenin, kemm dawk lokali u barranin.

## 17.0 L-Edukazzjoni Ambjentali

17.1 L-edukazzjoni ambjentali mhux passatemp imma fid-dinja tal-lum hi forma ta` litteriżmu Matul dawn l-aħħar snin rajna żieda sostanzjali fl-interess u anke fit-tħassib taċ-ċittadini fil-konfront ta' temi ambjentali, kemm fuq skala nazzjonali kif ukoll dik mondjali. Jidher ċar li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin iħossu li teżisti l-ħtieġa li jkunu infurmati aktar u aħjar dwar l-ambjent kif ukoll l-immaniġġjar tiegħu, speċjalment fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli. Qabel xejn irridu nifhmu li m`għandiex inħarsu lejn it-tisħiħ ta' l-edukazzjoni ambjentali fil-parametri ta' l-edukazzjoni formali biss. Pjuttost huwa l-każ li l-edukazzjoni ambjentali għandha tkun *citizen-centred*, jiġifieri titħaddem b`tali mod li ma tkunx limitata għall-kurrikulu skolastiku biss. Sakemm f'pajjiżna ma nsaħħux l-edukazzjoni ambjentali fil-livelli kollha, akkademiċi u anke oltrè, ma nistgħux nippretendu jew nistennew titjib fil-kwalità ta' l-ambjent f'pajjiżna.

17.2 Wasal iż-żmien li f'pajjiżna jkollna diskussjoni proattiva li twassal għall-iżvilupp ta' politika nazzjonali għall-edukazzjoni ambjentali. Din il-politika għandha tiffoka l-aktar fuq il-ħtieġa li l-ġenerazzjonijiet li telgħin ikollhom l-aqwa għarfien dwar l-ambjent u atittudnijiet pożittivi fil-konfront tal-ħarsien u l-immaniġġjar tiegħu. Politika nazzjonali għall-edukazzjoni ambjentali għandha ssir parti integrali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, li preżentament huwa nieqes minn riferenza ċara għall-implimentazzjoni ta' politika bħal din.

17.3 Jeħtieġ ukoll li jkun hemm koordinazzjoni u sinerġija akbar bejn id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u l-entitajiet kollha, governattivi u mhux, li b'xi mod ikollhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-politika ambjentali tal-gvern. Apparti milli jinstabu mezzi kif ikun hemm tisħiħ fl-għarfien dwar l-ambjent fl-isferi kollha tiegħu, din is-sinerġija għandha wkoll tippermetti sforzi aktar tanġibbli rigward l-apprezzament, il-konservazzjoni, u t-tkattir tat-tagħrif dwar il-wirt storiku f'pajjiżna.

17.4 L-istudju ambjentali għandu jkun mifrux kif jixraq fis-saffi kollha tal-qafas edukattiv. Għandha tkun evalwata sew il-ħtieġa li jkun hemm aktar kontenut ta' natura ambjentali

fis-suġġetti mgħallma fil-livell primarju. Dan filwaqt li jissaħħu l-isforzi ntiżi sabiex is-suġġett Studji Ambjentali (*Environmental Studies*) isir aktar popolari ma` l-istudenti fil-livell sekondarju. Inizjattivi pożittivi bħall-Ekoskola jeħtieġ li jingħataw għarfien akbar u aktar inkoraġġiment. L-edukazzjoni ambjentali għandha tkun ukoll parti essenzjali mill-edukazzjoni vokazzjonali u teknika sabiex l-istudenti jħejju ruħhom għall-isfidi fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel biex tirrispondi għall-impenn internazzjonali lejn l-iżvilupp sostenibbli. Fil-livell post-sekondarju preżentament qed jiġi offrut is-suġġett tax-Xjenza Ambjentali (*Environmental Science*) fil-livell intermedju biss. Għandna nħarsu bl-akbar interess lejn l-evoluzzjoni ta` dan is-suġġett, kemm fil-kuntest li dan ikun offrut fil-livell avvanzat kif ukoll fid-dawl tal-ħtieġa li jkun hemm tisħiħ ta` l-edukazzjoni ambjentali offruta fl-Università. L-inizjattivi li hemm bħalissa f`din id-direzzjoni (*Diploma in Environmental Science* u *Master of Science in Environmental Planning and Management*) għandhom ikunu kumplimentati bl-introduzzjoni f`livell ta` baċellerat ta` kors speċifiku fil-qasam ambjentali. M`hemmx dubju li l-professjonisti fil-qasam ta` l-ambjent għandhom jibbenefikaw ħafna minn inizjattiva simili. Iċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u Riċerka (CEER), l-Istitut Internazzjonali ta` l-Ambjent (IEI) kif ukoll il-fakultajiet kollha fl-Università għandhom ħafna x`joffru f`dan ir-rigward.

17.5 Sabiex l-edukazzjoni ambjentali ssir tassew *citizen-centred* jeħtieġ li jkun hemm involviment sħiħ tal-Kunsilli Lokali. Dawn għandhom iservu ta' entitajiet li jagħtu aċċess dirett u akbar liċ-ċittadini għal tagħlim dwar l-ambjent, speċjalment fuq livell lokali. Permezz ta' dan għandu jkollna aktar opportunitajiet intiżi sabiex il-pubbliku jsir aktar konxju ta' l-obbligi li għandu fil-konfront tal-ħarsien ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli.

## 18.0 L-Edukazzjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT)

18.1 Illum kulħadd jaqbel li t-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni (ICT) għandha tkun parti integrali mill-iżvilupp tal-qafas edukattiv f'pajjiżna. Dan l-aktar minħabba l-fatt li l-istili ta` ħajja li qed jevolvu qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq it-teknoloġija relatata ma' l-użu tal-kompjuters, partikolarment l-internet. Bosta esperti, kemm mill-qasam edukattiv kif ukoll mhux, ilhom isostnu dwar il-ħtieġa li l-qasam edukattiv jiżviluppa b'tali mod li jsir aktar sensittiv għal dawn iċ-ċirkustanzi, fejn aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar se jkun kruċjali għal ġenerazzjonijiet li telgħin li jkunu midħla sew ta' l-informatika kif ukoll l-użu tagħha.

18.2 L-edukazzjoni fl-ICT teħtieġ ħafna aktar investiment f'dak li għandu x`jaqsam ma` *upgrading* ta' *hardware* eżistenti, fil-proviżjoni ta' aktar *hardware* (speċjalment bil-għan li jiżdied in-numru ta' laboratorji tal-kompjuters fl-iskejjel sekondarji), kif ukoll fl-iżvilupp ta' *software* lokali ta' natura pedagoġika. Fil-preżent insibu bosta kompjuters li minħabba li ilhom li nxtraw issa saru *out-dated* u kważi bla użu. Dan ikun meħtieġ li malajr kemm jista` jkun jiġu mibdula. Wieħed irid jifhem li investiment ta' dan it-tip jirrikjedi qabel xejn li jkollna strateġija nazzjonali għall-edukazzjoni fl-informazzjoni teknoloġika u l-komunikazzjoni li jkollha ukoll għanijiet *medium* u *long-term*.

18.3 Din l-istrateġija għandha tkun kumplimentata bit-tisħiħ tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni Teknoloġika fl-Edukazzjoni sabiex dan ikun f'qagħda aħjar biex jintlaħqu l-għanijiet relatati mat-taħriġ fl-ICT kif ukoll fid-diffużjoni dejjem akbar ta' l-użu tal-kompjuter u ta' l-informatika fil-klassi, jiġifieri dak li jissejjaħ ICT *across the curriculum*. Apparti minn hekk, jeħtieġ ukoll li dan id-dipartiment isaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu kemm mas-settur post-sekondarju u terzjarju kif ukoll ma` dawk l-entitajiet kollha fid-dinja tax-xogħol li jħossu li għandhom jagħtu kontribut lejn it-tisħiħ ta' l-edukazzjoni fl-ICT ġewwa pajjiżna.

18.4 Huwa importanti li sabiex it-teknoloġija tintuża aktar fil-mod kif tingħata l-edukazzjoni, u dan anke fid-dawl ta' dak li jsemmi l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, l-edukaturi jkunu

mħarrġa b'mod kontinwu ħalli din l-għodda tant neċessarja tintuża bl-aħjar b'mod possibbli. Sabiex uliedna ma jibqgħux lura, Gvern Laburista jimpenja ruħu li, fuq medda ta' leġislatura, jintroduċi *interactive whiteboards* u *projectors* f'kull klassi kemm tal-primarja u kemm tas-sekondarja.

18.5 Barra minn dan l-użu tal-ICT għandu jinkludi fih mhux biss il-pedagoġija imma investiment fl-aktar sistemi ta' *software* avvanzati li jgħinu biex it-tmexxija ta' l-iskejjel tagħna tkun aktar effiċjenti u effettiva. Dawn is-sistemi għandhom jintużaw ukoll biex jiffaċilitaw l-assessjar u ż-żamma ta' rekords dwar kull student/a tul is-snin kollha li jgħaddu fis-sistema edukattiva. Tkun il-mira tagħna wkoll li l-iskejjel kollha jkunu *networked* internament. Bħalma diġà stqarrejna, Gvern Laburista jassigura li t-tim ta' tmexxija ta' l-iskejjel u l-għalliema jingħataw it-taħriġ meħtieġ biex iħaddmu sew dawn l-għodod tal-ICT.

## 19.0 L-Edukazzjoni u l-Industrija

19.1 Sfortunatament, għalkemm għal bosta snin ilu jintqal ħafna diskors dwar il-konverġenza li għandu jkun hemm bejn il-qasam edukattiv u s-settur industrijali, sal-lum jidher li din il-konverġenza ftit li xejn teżisti. Għandna edukaturi u studenti f`kull livell li ġieli jistaqsu dwar ir-relevanza tal-korsijiet u t-taħriġ ipprovduti fid-dawl tal-ħtiġijiet tad-dinja tax-xogħol. Mill-banda l-oħra, bosta industrijalisti u imprendituri jesprimu wkoll ċerta xettiċiżmu għax iħossu li t-taħriġ u l-kwalifiki mogħtija mil-livelli varji tal-qafas edukattiv mhux dejjem ikunu jirrispondu għall-eżiġenzi ta' l-impjieg. Dan saħansitra jinkludi l-gradwati ta' l-Università. Fil-konfront tal-kwalifiki u t-taħriġ mogħti mill-MCAST, għadu kmieni wisq sabiex wieħed jikkummenta dwar dan. Rigward l-ITS pero`, jidher li għandna eżempju pożittiv, fis-sens li s-settur turistiku bbenefika sostanzjalment mill-kwalità ta' taħriġ li din l-istituzzjoni offriet matul is-snin minkejja l-fatt li din l-istituzzjoni baqgħet iżolata fil-kuntest ta' l-iżviluppi fis-settur vokazzjonali. Għall-futur jeħtieġ li l-entitajiet kollha fil-qasam edukattiv jaraw li jkun hemm sinerġija akbar bejn l-evoluzzjoni tas-settur edukattiv u ħtiġijiet tad-dinja tax-xogħol. Ma jfissirx li din hija xi ħaġa faċli għalhekk il-ħtieġa li jinħoloq Forum Nazzjonali li jinkludi fih rappreżentanti miż-żewġ setturi bil-għan li titwessa` d-diskussjoni dwar dan kif ukoll jiġu fformulati għanijiet speċifiċi f`din d-direzzjoni.

19.2 Aktar sinerġija bejn is-settur edukattiv u d-dinja tax-xogħol ma tfissirx limitazzjonijiet imposti fuq l-għażliet ta' l-individwu fir-rigward tat-tagħlim li jkun jixtieq isegwi. Pjuttost huwa l-każ li għandna nirrikonoxxu li l-ebda kurrikulu jew kors ta' taħriġ f`kull livell ma jista` jrendi l-massimu tiegħu jekk dan ma jkunx imfassal bil-għan li jkabbar l-opportunitajiet ta' mpjieg ta' l-individwu. Nistgħu naqblu li qed ngħixu f`dinja liberali u għaldaqstant l-individwu għandu jingħata kull spazju sabiex jiżviluppa l-intellett tiegħu irrispettivament minn kwalunkwe fattur ieħor. Minkejja dan, jibqa` l-fatt li r-riżorsi allokati għall-qasam edukattiv, li ħafna minnhom dejjem jiġu minn fondi pubbliċi, qatt ma jkunu biżżejjed u għaldaqstant jeħtieġ naraw li dawn ikunu mħaddma bl-aktar mod effiċjenti għall-ġid ta' l-individwu u s-soċjetà.

## 20.0 L-Edukazzjoni fil-Komunità

20.1 Minbarra r-rwol istituzzjonali tagħhom, il-Kunsilli Lokali nħossu li għandhom funzjoni importanti ħafna x'jaqdu fil-kuntest ta' l-edukazzjoni fil-komunità. Il-Kunsilli Lokali għandhom iservu ta' mezz li bih insaħħu u nikkonsolidaw il-livell u l-kwalità ta' l-edukazzjoni fil-komunità inġenerali. Apparti milli jeżisti qbil bejn il-partijiet soċjali kollha, inklużi l-partiti politiċi, dwar l-eżistenza tal-Kunsilli Lokali, jidher li fis-snin li ġejjin għandna nistennew li naraw żieda fir-responsabbiltajiet li dawn il-Kunsilli ser ikollhom. Għaldaqstant, wieħed għandu jistenna li fost dawn ir-responsabiltajiet ikun hemm dawk relatati mal-proviżjoni ta' opportunitajiet għal aktar edukazzjoni fl-aktar sens wiesa`. Barra minn dan għandu jkun hemm sforzi konkreti sabiex ikun hemm kordinament u koperazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-iskejjel tal-lokalitajiet rispettivi.

20.2 Qabel xejn, jeħtieġ nimpenjaw ruħna sabiex parti mill-fondi mgħoddija lill-Kunsilli Lokali tkun allokata speċifikament għall-attrezzament ta' librerija lokali li tkun miftuħa għall-pubbliku f'ħinijiet konvenjenti. L-adulti, partikolarment dawk impjegati u nisa tad-dar, għandhom ħafna x'jibbenefikaw minn inizjattivi f`din id-direzzjoni. Il-Kunsilli Lokali għandhom ukoll jipprovdu servizzi ntiżi sabiex innaqqsu l-illitteriżmu fil-forom kollha tiegħu, kif ukoll fil-proviżjoni ta' programmi varji ta' taħriġ li jkunu jappellaw għal persuni ta' kull età. Fost l-oqsma li għandhom ħafna x'jibbenefikaw mill-Kunsilli Lokali nsibu l-edukazzjoni ambjentali, l-edukazzjoni ċivika, dik dwar l-informatika, kif ukoll dik għad-demokrazija. Ladarba l-Kunsilli Lokali jkunu qed joffru servizzi relatati ma` *personal enrichment courses*, mhux biss inkunu qegħdin inwessgħu l-parametri li fih jevolvi l-qasam edukattiv imma nkunu qegħdin nagħtu dimensjoni oħra għar-rwol komunitarju tal-Kunsilli Lokali f'pajjiżna.

20.3 L-edukazzjoni fil-komunità jeħtieġ ukoll li tiffoka fuq tliet aspetti ewlenin li jinkludu *issues* relatati mat-trobbija ta` l-ulied (*parenting skills*), edukazzjoni sesswali, edukazzjoni ambjentali, kif ukoll *awareness programmes* dwar l-abbuż tad-droga u l-alkoħol. Dan għandu jsir f`kollaborazzjoni sħiħa ma` entitajiet diversi, fosthom il-Caritas u s-Sedqa kif

ukoll id-Dipartiment tas-Saħħa, bil-għan li ninfurmaw lill-pubbliku inġenerali kif ukoll nindirizzaw il-problemi soċjali sa mill-għeruq tagħhom. Għalkemm forsi inizjattivi ta` dan it-tip jistgħu jidhru pjuttost ambizzjużi, m`hemmx dubju li din hija d-direzzjoni li għandha tieħu l-edukazzjoni komunitarja.

## 21.0 L-Edukazzjoni għall-Adulti

21.1 Il-provedimenti favur it-tisħiħ ta' l-edukazzjoni għall-adulti għandhom ikunu ntiżi sabiex ikun hemm opportunitajiet aħjar u aktar wiesgħa, kemm fil-kuntest ta' forom ta' edukazzjoni formali kif ukoll informali. L-edukazzjoni għall-adulti hija waħda mill-aspetti relatati mal-kunċett ta' edukazzjoni tul il-ħajja. Ma jistax ikun li nħallu l-qafas edukattiv jevolvi mingħajr ma nagħmlu dak kollu possibbli sabiex l-adulti, speċjalment dawk li diġà jkunu temmew b'mod uffiċjali l-edukazzjoni formali tagħhom, ikollhom aktar opportunitajiet ta' tagħlim. F'dan il-kuntest, żewġ kategoriji tal-popolazzjoni li se jingħataw attenzjoni partikolari se jkunu dawk l-adulti li huma illiterati u nisa li jkunu jridu jerggħu lura fid-dinja tax-xogħol.

21.2 Oqsma li jeħtieġ li jissaħħu sabiex inkunu f'qagħda li noffru edukazzjoni għall-adulti li tkun ta' kwalita` huma l-*evening classes* offruti s`issa mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-korsijiet ta' filgħaxija offruti f`kull livell mill-Università ta' Malta, kif ukoll mill-MCAST. Jeħtieġ naraw li jkun hemm l-aqwa inċentivi sabiex in-numru ta' adulti li jidħlu għal dan it-tip ta' taħriġ formali jiżdied, filwaqt li fejn hemm każijiet ta' *drop-out rates* pjuttost għoljin minn ċerta korsijiet ikun jagħmel sens li nistudjaw il-kif u l-għaliex. Sabiex ninkoraġġixxu numri dejjem akbar ta' adulti biex ikomplu jistudjaw bl-akbar impenn, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-implimentazzjoni ta' skemi ta' inċentivi.

21.3 L-adulti għandhom ħafna x'jibbenefikaw ladarba jkun hemm tisħiħ aktar konkret fil-qasam ta' l-edukazzjoni fil-komunità kif diġà msemmi aktar qabel f'dan il-pjan. Għaldaqstant, filwaqt li l-edukazzjoni għall-adulti hija marbuta ħafna ma` l-edukazzjoni fil-komunità, għandna nagħmlu minn kollox sabiex din it-tip ta' edukazzjoni informali tkun toffri aktar opportunitajiet u jkollha l-aqwa rikonoxximent.

21.4 Żvilupp importanti li kellna matul dawn l-aħħar snin kien it-twaqqif ta' l-Università tat-Tielet Età. Dan wassal sabiex aktar u aktar anzjani setgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom b`mod proattiv u li permezz ta' dan ingħata lok biex dawn ikollhom impenn u skop ieħor f'ħajjithom. Dan ovvjament wassal sabiex dawn l-individwi jtejbu l-kwalità

tal-ħajja tagħhom. Inizjattivi bħal dawn huma ta' min ifaħħarhom filwaqt li għandna naraw li jkun hemm tisħiħ tagħhom. Fil-kuntest ta' edukazzjoni għat-terza età, ikun tajjeb jekk l-Università ta' Malta ssaħħaħ l-istrutturi tagħha bil-għan li din l-istituzzjoni tkun tista` tkompli toffri korsijiet relatati ma` *educational gerontology*. Dan għandu jwassal biex ikun mreġġa` lura t-tnaqqis li kien hemm fl-għadd ta' individwi li attendew għal dawn il-korsijiet f'dawn l-aħħar snin.

## 22.0 Sehem il-Ġenituri u l-Istudenti

22.1 Il-ġenituri huma *stakeholders* ewlenin fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Fl-evoluzzjoni tal-qasam edukattiv jeħtieġ naraw kif insaħħu r-rwol tal-ġenituri kemm fil-kuntest tal-Kunsilli Skolastiċi kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni akbar u aktar diretta min-naħa tagħhom matul l-attivitajiet fl-iskejjel. Dan m'għandux jillimita ruħu biss għal Jum il-Ġenituri. Apparti minn hekk, ir-rwol tal-ġenituri fl-edukazzjoni għandu jmur ħafna aktar 'il bogħod mill-organizazzjoni ta' attivitajiet li normalment isiru bi skopijiet ta' *fund-raising*, għalkemm huwa fatt li dawn huma importanti ħafna.

22.2 Fil-qasam edukattiv għandna niżguraw li jkun hemm kuntatt aktar frekwenti u anqas formali bejn l-għalliema u l-ġenituri. Dan għandu jippermetti li jkun hemm l-aqwa relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-għalliema flimkien mat-tim tat-tmexxija ta' l-iskejjel. Dan m'għandux ikun interpretat b'tali mod li jwassal għal xi forma ta' ndħil żejjed fil-professjonalità ta' l-għalliema u t-tmexxija fl-iskejjel. L-awtoritajiet edukattivi għandhom jaraw li dan il-bilanċ tant meħtieġ jintlaħaq. Il-genituri u l-għalliema għandhom ikunu sħab ewlenin fl-edukazzjoni ta' l-ulied.

22.3 L-istudenti wkoll għandu jkollhom sehem importanti minn dak li jiġri fl-iskola tagħhom. Għal dan il-għan naqblu mall-Kunsilli ta` l-Istudenti. Barra milli jkollhom sehem minn dak li jiġri fl-iskola, l-istudenti jibdew jiksbu ħiliet ta` tmexxija u ta` responsabbiltà sa miċ-ċokon.

## 23.0 L-Unjoni Ewropea

23.1 Għal bosta snin qabel Malta saret membru ta' l-Unjoni Ewropea kien jingħad li l-qasam edukattiv f'pajjiżna kellu ħafna x'jibbenefika minn din is-sħubija. Kulma jmur, illum kulħadd qiegħed jirrealizza li l-impatti li jirriżultaw minn sħubija fl-UE huma ħafna aktar kumplessi minn dak li kien jingħad qabel, u dan anke fil-kamp edukattiv. Filwaqt li huwa minnu li jeżistu benefiċċji varji għall-qasam edukattiv lokali li jirriżultaw minn din is-sħubija, m'hemmx dubju li sakemm ma jkunx hemm impenn sħiħ minn kulħadd involut fis-saffi kollha tal-qasam edukattiv, malajr dawn l-opportunitajiet jintilfu. Mill-banda l-oħra l-entitajiet kollha fil-qasam edukattiv għandhom l-obbligu jiżguraw li l-benefiċċji u l-opportunitajiet kollha li jirriżultaw minn żmien għal żmien għandhom jitqassmu b'mod l-aktar ġust u ekwu.

23.2 Sakemm ma jkollniex strutturi adegwati li jkunu midħla ta' l-opportunitajiet kollha eżistenti f'livell ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-mod kif studenti, għalliema u *personnell* amministrattiv, skejjel kif ukoll istituzzjonijiet edukattivi oħra jistgħu jipparteċipaw, żgur li pajjiżna mhux se jkun f'qagħda li jisfrutta bl-aktar mod komplet l-opportunitajiet li jeżistu. Għaldaqstant, sfida ewlenija fil-qasam edukattiv għaż-żmien li ġej hija li dan jevolvi b`mod li jissaħħu dawk l-istrutturi kollha li jippromwovu sehem dejjem akbar ta' parteċipazzjoni f`dawn il-programmi Ewropej.

23.3 L-entitajiet responsabbli mill-edukazzjoni għandhom jiżguraw li l-iskejjel primarji, sekondarji u post-sekondarji kollha jsiru dejjem aktar konxji ta' l-opportunitajiet kollha li hemm għalihom permezz tal-programmi ta' l-UE. Dan jeħtieġ li jkun ikkumplimentat bi sforzi akbar minn dawn l-iskejjel u d-Diviżjoni nfisha sabiex l-istudenti Maltin u Għawdxin ikunu ħafna aktar proattivi u kostruttivi fil-kuntatti tagħhom ma` studenti oħrajn fl-UE. Għaldaqstant, programmi bħal Comenius u Leonardo għandhom jingħataw l-aqwa prijorità f'dan ir-rigward.

## 24.0 Edukazzjoni għal Tul il-Ħajja

24.1 Kif jingħad aktar qabel f'dan il-pjan, l-edukazzjoni tul il-ħajja għandha tkun kunċett fundamentali u gwida ewlenija fl-evoluzzjoni tal-qasam edukattiv għas-snin li ġejjin. Is-soċjetà tagħna qegħda tagħraf dejjem aktar li l-edukazzjoni formali hija biss il-bidu ta' proċess li fil-prattika għandu jkun għal tul il-ħajja. Ovvjament, dan iġib miegħu sfidi kbar, mhux lanqas fil-forma ta' żvilupp ta' strutturi u riżorsi umani neċessarji sabiex il-Maltin u l-Għawdxin kollha jkunu jistgħu jgawdu minn opportunitajiet edukattivi ta' kull forma matul il-ħajja. Madankollu, żgur hu mportanti li dan il-kunċett għandu jkun implimentat fil-bidu tal-vjaġġ skolastiku biex l-istudenti jsiru midħla mal-ewwel tal-ħiliet li jitlob dan il-kunċett u jkomplu jiżviluppawhom mal-mogħdija tas-snin fl-edukazzjoni formali.

24.2 Fit-twettiq ta' l-għanijiet relatati mal-kunċett ta' edukazzjoni tul il-ħajja, m`hemmx dubju li l-mezzi kollha tal-medja partikolarment ir-radju u t-televiżjoni lokali għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu. Jeħtieġ li dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jimmaturaw aktar billi joffru wkoll programmi kulturali u ta' natura edukattiva ta' l-aqwa kwalità, kif wara kollox huwa xieraq. Maturità akbar fil-kwalità ta' programmi tar-radju u t-televiżjoni għandha twassal għal provediment ta' mezzi aktar effettivi fl-implimentar ta' programmi relatati ma` l-edukazzjoni tul il-ħajja mill-Kunsilli Lokali u l-entitajiet edukattivi nfushom.

24.3 Nissuġġerixxu li r-rappreżentanti tal-ħaddiema, fuq il-postijiet tax-xogħol għandu jkollhom dak li jkun jissejjaħ *shop steward* għall-edukazzjoni u t-taħriġ. Ix-xogħol ta` dawn ix-*shop stewards* għandu jkun li jħajjru lil sħabhom ikomplu jitħarrġu. Huma jkunu jistgħu jgħinu lill-ħaddiema sħabhom jidentifikaw, flimkien ma` min iħaddem, it-taħriġ li għandhom bżonn. It-taħriġ li jieħdu m`għandux ikun biss marbut mal-bżonnijiet stretti tax-xogħol tagħhom, imma għandu jkun intenzjonat ħalli jgħinhom jiżviluppaw bħala bnedmin sħaħ fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja.

## 25.0 Konklużjoni

25.1 Dan il-pjan ġie mfassal fil-kuntest tal-ħtieġa ta' analiżi mill-aktar serja u bir-reqqa tas-setturi kollha fil-qasam edukattiv. Analiżi bħal din hija meħtieġa fid-dawl tar-relazzjoni importanti ħafna li teżisti bejn l-evoluzzjoni tal-qasam edukattiv u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna għaż-żmien li ġej. Il-qasam edukattiv ma jistax ikun suġġett li jirrendi ruħu f'ballun politiku. Fin-nofs hemm il-futur tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada. Mill-banda l-oħra jeħtieġ li naħsbu bis-serjetà f`azzjoni konkreta ntiża sabiex fl-iqsar żmien possibbli nirreġistraw progress tanġibbli fl-iżvilupp ta' dan il-qasam. Huwa biss jekk naspiraw biex inrawwmu soċjetà istruwita aħjar li nistgħu nittamaw biex verament ikollna żvilupp ekonomiku u soċjali li jkun produttiv, fit-tul u sostenibbli.

25.2 Il-Pjan ta' Politika għall-Qasam Edukattiv f'Malta u Għawdex preżentat permezz ta' dan id-dokument huwa maħsub sabiex jipprovdi viżjoni. Jeħtieġ li dan il-pjan iqajjem diskussjoni mill-aktar kostruttiva fost dawk kollha li għandhom għal qalbhom is-settur edukattiv. Huwa ttamat li din id-diskussjoni tinvolvi lil kulħadd għalliema, ġenituri, tfal, kapijiet ta' l-iskejjel mis-setturi kollha, esponenti mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, l-istituzzjonijiet edukattivi għolja, u bla dubju ta' xejn ma` l-MUT u l-GWU - anke fl-ispirtu ta' inklussività li dan il-pjan tant jisħaq fuqu. Ovvjament, ma jfissirx li għandna naqblu fuq kollox. Il-qasam edukattiv tant huwa kumpless li fil-prattika dan mhux dejjem huwa possibbli, għalkemm huwa tajjeb li naħdmu għall-qbil unanimu anke fuq l-aktar *issues* kontroversjali.

25.3 Dan il-pjan għandu jservi ta' bażi li minnu mhux biss tiġi fformulata azzjoni konkreta għal titjib fil-qasam edukattiv, imma wkoll sabiex naħdmu flimkien għall-implimentazzjoni ta' numru ta' proposti tanġibbli u fattwali għas-setturi varji. Mhux bilfors li noħorġu bi proposti li kollha kemm huma jkunu jistgħu jitwettqu fi żmien qasir. Anzi, nemmnu li biex it-twettiq ta' dan il-pjan ikun suċċess irridu nagħrfu nużawh sabiex ikollna proposti għal tul ta` żmien u nibdew naħdmu fuqhom mill-aktar fis. Ejja nħarsu `l quddiem u nużaw it-tisħiħ tant neċessarju fil-qasam edukattiv bħala l-aqwa u l-ewwel pass lejn żvilupp ekonomiku u soċjali li pajjiżna tant jeħtieġ.

25.4 Dan jista' jsir biss jekk ikollna l-kuraġġ u viżjoni li nwettqu r-riformi meħtieġa biex l-edukazzjoni li tingħata tkun edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.

www.mlp.org.mt